IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 30.4.2012
COM(2012) 81 final

2012/0033 (NLE)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (riformulazzjoni)**

<u>**MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**</u>

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Il-kuntest ġenerali

Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), stabbilita skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV *tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali tal-kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (il-Konvenzjoni ta' Schengen)*, u l-iżvilupp sussegwenti tagħha, is-SIS 1+, jikkostitwixxu għodda essenzjali għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, kif dawn ġew integrati fil-qafas tal-Unjoni Ewropea.

L-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-SIS (SIS II) ġie fdat lill-Kummissjoni skont *ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2424/2001*[1] *u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/886/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II)*[2]. Is-SIS II se tissostitwixxi s-SIS 1+. L-iżvilupp tal-SIS II jikkunsidra l-aħħar żviluppi fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni u jippermetti l-introduzzjoni ta' funzjonalitajiet ġodda.

Id-dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-SIS II huma stipulati fir-*Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)*[3] u d-*Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)*[4]. Dawn l-atti legali jipprevedu li dawn se jkunu japplikaw għall-Istati Membri li jipparteċipaw fis-SIS 1+ minn dawk id-dati biss li jridu jiġu stabbiliti mill-Kunsill, filwaqt li jaġixxi bl-unanimità tal-Membri tiegħu li jirrappreżentaw lill-gvernijiet tal-Istati Membri li jipparteċipaw fis-SIS 1+. Wara dawn se jieħdu post id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li jirregolaw l-SIS 1+, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-Konvenzjoni ta' Schengen.

Qabel ma jkun jista' jseħħ dan, l-utenti tas-SIS 1+ iridu jaqilbu għas-sistema SIS II. Il-qafas legali għall-migrazzjoni mis-sistema SIS 1+ għas-SIS II kien għalhekk imfassal fir-*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008*[5] u d-*Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI*[6] *tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)* (flimkien "l-istrumenti tal-migrazzjoni").

---

1 ĠU L 328, 13.12.2001, p. 4.
2 ĠU L 328, 13.12.2001, p. 1.
3 ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4.
4 ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63.
5 ĠU L 299, 8.11.2008, p. 1.
6 ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43.

## 2. IL-BAŻI U L-GĦANIJIET GĦALL-PROPOSTA

L-għan ta' din il-proposta hu li ssir riformulazzjoni tar-*Regolament (KE) Nru 1104/2008 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI* sabiex isiru strument legali wieħed. Din il-proposta tipprovdi għal reġim legali rivedut għall-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II li tippermetti lill-Istati Membri jużaw is-SIS II bil-funzjonalitajiet kollha tagħha mill-mument tal-bidla mis-SIS 1+ għas-SIS II.

It-trasparenza tal-proċess tal-iżvilupp tas-SIS II għall-Parlament Ewropew qed tinżamm permezz tal-obbligu eżistenti ta' rrappurtar.

## 3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Il-bażi legali**

Il-bażi legali għal din il-proposta hi l-Artikolu 74 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea peress li dan jikkonċerna l-miżuri biex tiġi żgurata l-kooperazzjoni bejn id-dipartimenti rilevanti tal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, kif ukoll bejn dawk id-dipartimenti u l-Kummissjoni fejn jikkonċerna l-politiki li jiżguraw livell għoli fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Din il-proposta tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà peress li l-għan ewlieni tal-azzjoni proposta, jiġifieri l-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II, ma jistax jintlaħaq mill-Istati Membri individwalment u jista' jintlaħaq aħjar fuq livell tal-Unjoni.

- **Il-prinċipju ta' proporzjonalità**

Din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jintlaħaq l-għan tagħha. Hija tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità peress li l-impatt primarju tagħha hu l-iffaċilitar tal-migrazzjoni tal-Istati Membri mis-SIS 1+ għas-SIS II.

- **L-għażla ta' strument**

Regolament tal-Kunsill hu l-aktar forma legali xierqa biex issir riformulazzjoni tar-*Regolament (KE) Nru 1104/2008* u d-*Deċiżjoni 2008/839/ĠAI*, peress li wieħed mill-atti legali involuti fir-riformulazzjoni huwa regolament. Barra minn hekk, jinħtieġu regoli u proċessi uniformi għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-iżvilupp tas-SIS II. Id-dispożizzjonijiet ippreżentati f'din il-proposta għal-regolament huma preċiżi, mingħajr kundizzjonijiet u applikabbli b'mod dirett u, min-natura tagħhom stess, ma jirrikjedux azzjoni mill-Istati Membri biex jittrasponuhom fil-liġijiet nazzjonali tagħhom.

- **Il-proċedura tal-kumitat**

B'konsegwenza tat-tħassir tad-*Deċiżjoni tal-Kunsill 486/1999 tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni*[7], mill-1 ta' Marzu 2011, trid issir referenza fid-dispożizzjoni dwar il-proċedura

---

[7] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

tal-kumitat għar-regolament il-ġdid ir-*Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni*[8]. Il-proċedura regolatorja applikata taħt il-proċedura tal-kumitat ta' qabel f'din il-proposta se tinbidel bil-proċedura ta'eżami.

Ir-*Regolament (KE) Nru 1987/2006* u d-*Deċiżjoni 2007/533/ĠAI* li jistabbilixxu l-kumitat fihom regoli dwar il-proċedura regolatorja ta' qabel. Madankollu, skont il-miżuri tranżitorji tar-*Regolament (UE) Nru 182/2011*, il-kumitati eżistenti għandhom jibdew jaħdmu mill-1 ta' Marzu 2011 skont ir-regoli l-ġodda, fil-każ preżenti skont il-proċedura ta' eżami. Il-modifika formali tar-*Regolament (KE) Nru 1987/2006* u d-*Deċiżjoni 2007/533/ĠAI* mhix meħtieġa.

## 4. SPJEGAZZJONI DDETTALJATA

Din il-proposta fiha dispożizzjonijiet kompletament jew parzjalment ġodda dwar dan li ġej:

### (a) Riformulazzjoni

L-aktar mezz xieraq biex jirrifletti l-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar hu l-applikazzjoni tat-teknika leġiżlattiva ta' riformulazzjoni peress li

a) iridu jsiru numru ta' emendi sostantivi għall-istrumenti tal-migrazzjoni u

b) l-istruttura tal-pilastri, li wasslet għall-eżistenza ta' żewġ strumenti legali b'kontenut essenzjalment identiku, ma għadhiex aktar rilevanti wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.

Il-punt 2 tal-*Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali*[9], jistipula li fejn ikunu jridu jisiru emendi sostantivi għal att legali ta' qabel, it-teknika ta' riformulazzjoni tippermetti l-adozzjoni ta' test leġiżlattiv wieħed li fl-istess waqt jagħmel l-emenda mixtieqa, tikkodifika dik l-emenda ma' dispożizzjoni mhux mibdula tal-att ta' qabel, kif ukoll tħassar dak l-att. Fid-dikjarazzjoni konġunta għal dak il-punt it-tliet istituzzjonijiet iddikjaraw li r-riformulazzjoni tista' tkun jew "vertikali" fejn l-att legali l-ġdid jissostitwixxi l-att preċedenti wieħed permezz tal-emendi sussegwenti tiegħu, jew "orizzontali" fejn l-att legali l-ġdid jissostitwixxi bosta atti paralleli preċedenti dwar l-istess suġġett.

Taħt it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, mhux possibbli li ssir modifika ta' strument preċedenti tat-tielet pilastru. Għalhekk, it-teknika legali korretta hi biss dik fejn ir-Regolament (KE) Nru 1104/2008 u d-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI jiġu magħqudin f'att legali wieħed taħt l-istess bażi legali. Għalhekk, ir-riformulazzjoni tal-istrumenti tal-migrazzjoni tikkombina l-elementi ta' riformulazzjoni vertikali u orizzontali.

Din il-proposta tindika b'mod ċar id-dispożizzjonijiet ġodda u dawk adattati. Din tinkludi klawżola dwar it-tħassir kif ukoll tabella tal-korrelazzjoni.

---

[8] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
[9] ĠU L 77, 28.3.2002, p. 1.

**(b) Ir-reġimi legali għall-migrazzjoni**

Din il-proposta tapplika approċċ legali differenzjat għaż-żewġ fażijiet tal-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II. Il-migrazzjoni tikkonsisti f'żewġ passi:

(1) illowdjar tad-dejta tal-N.SIS II

Il-fażi tal-illowdjar tad-dejta tal-N.SIS II se tkompli tkun irregolata permezz tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

(2) bidla mill-N.SIS għall-N.SIS II

Dan l-approċċ differenzjat jippermetti lill-Istati Membri biex jużaw is-SIS II bil-funzjonalitajiet kollha tagħha mill-mument tal-bidla mis-SIS 1+ għas-SIS II billi jipprovdi għall-applikazzjoni tar-*Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI.*

F'konformità mal-Artikolu 12 tal-istrumenti tal-migrazzjoni kif ġew formulati sa issa, il-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II għandha sseħħ skont it-Titolu IV tal-Konvenzjoni ta' Schengen. Madankollu, din ir-regola tipprevjeni lill-Istati Membri milli jużaw is-SIS II bil-funzjonalitajiet kollha tagħha mill-mument li Stat Membru jaqleb b'suċċess mis-SIS 1+ għas-SIS II. B'konsegwenza, l-Istati Membri jridu jneħħu l-elementi tas-SIS II li mhumiex fis-SIS 1+ sakemm il-Kunsill jiddeċiedi d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI.

Fit-23 ta' Frar 2011, l-Istati Membri fil-Kumitat tas-SIS-VIS stiednu lill-Kummissjoni biex bla dewmien tibda l-proċess ta' addattament tal-qafas legali tal-migrazzjoni biex jirrifletti l-approċċ tekniku tal-migrazzjoni deskritt fil-Pjan tal-Migrazzjoni. Il-Pjan tal-Migrazzjoni jiddeskrivi kif, f'perjodu ta' bidla wieħed, l-Istati Membri kollha wieħed wara l-ieħor, se jwettqu l-bidla individwali tal-applikazzjoni nazzjonali tagħhom mis-SIS I għas-SIS II. Huwa mixtieq li Stat Membru li jkun għamel il-bidla, jkun kapaċi juża s-SIS II sħiħa miż-żmien tal-bidla u ma jkollux jistenna lill-Istati Membri l-oħra biex jaqilbu wkoll. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu applikati r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI minn mindu tibda l-bidla mill-ewwel Stat Membru. Dan il-perjodu tal-migrazzjoni għandu jinżamm l-iqsar possibbli. L-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI ma twaqqafx lil dawk l-Istati Membri li jkunu għadhom ma qalbux jew li jkunu waqgħu lura milli jużaw is-SIS II limitata għal funzjonalitajiet tas-SIS 1+ matul il-perjodu ta' monitoraġġ intensiv.

Il-proposta mhux biss tippermetti lill-Istati Membri jieħdu vantaġġ sħiħ mill-applikazzjonijiet avvanzati kollha disponibbli permezz tas-SIS II iżda tirrappreżenta wkoll iffrankar konsiderevoli għall-Istati Membri.

**(c) Arkitettura interim għall-migrazzjoni**

L-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI se tissostitwixxi l-Artikolu 64 u l-Artikoli 92 sa 119 tal-Konvenzjoni ta' Schengen, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 102a tagħha, kif stabbilit fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 52 u fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 68 rispettivi tal-atti legali msemmija. Peress li l-Artikolu 92a tal-Konvenzjoni ta' Schengen jinkludi regoli dettaljati dwar l-arkitettura interim għall-migrazzjoni, huwa mixtieq li jinżamm fis-seħħ matul il-perjodu kollu tal-proċess tal-migrazzjoni.

L-arkitettura interim għall-migrazzjoni għall-operazzjonijiet tas-SIS 1+ tippermetti lis-SIS 1+ u lil ċerti partijiet tekniċi tal-arkitettura tas-SIS II, li jridu jkunu qed jintużaw biex tkun possibbli migrazzjoni inkrimentali minn sistema għall-oħra, joperaw b'mod parallel matul perjodu tranżitorju limitat.

Għalhekk hu neċessarju li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 92a tal-Konvenzjoni ta' Schengen jiġu inkorporati fil-qafas legali tal-migrazzjoni.

• **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam kopert minn din il-proposta**

– Il-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali tal-kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom[10] (il-Konvenzjoni ta' Schengen);

– Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2424/2001 tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II)[11];

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/886/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2001[12] dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II);

– Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) ;

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) ;

– Ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) mis-servizzi fl-Istati Membri responsabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni tal-vetturi[13];

– Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2007/170/KE u 2007/171/KE tas-16 ta' Marzu 2007 li jistipulaw ir-rekwiżiti tan-netwerk għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II[14];

– Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 189/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar it-testijiet tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' informazzjoni ta' Schengen (SIS II)[15];

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/173/KE tat-18 ta' Frar 2008 dwar it-testijiet tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II)[16];

---

10 ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19 (ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43).
11 ĠU L 328, 13.12.2001, p. 4.
12 ĠU L 328, 13.12.2001, p. 1.
13 ĠU L 381, 28.12.2006, p. 1.
14 ĠU L 79, 20.3.2007, p. 20 u ĠU L 79, 20.3.2007, p. 29.
15 ĠU L 57, 1.3.2008, p. 1.
16 ĠU L 57, 1.3.2008, p. 14.

– Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)[17];

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)[18];

– Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/724/ĠAI tas-17 ta' Settembru 2009 li tistabilixxi d-data għat-tlestija tal-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)[19].

## 5. IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

L-esperti tal-Istati Membri huma involuti mill-qrib fl-iżvilupp tas-SIS II, b'mod partikolari fil-qafas tal-Kumitat tas-SIS-VIS u l-Bord tal-Ġestjoni Globali tal-Programm. Barra minn hekk, l-iżviluppi tas-SIS II huma kontinwament diskussi fil-korpi preparatorji tal-Kunsill.

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta huwa involut ukoll fil-konsultazzjoni peress li matul il-migrazzjoni se tkun illowdjata dejta personali wkoll.

- **Sommarju tat-tweġibiet u kif ġew ikkunsidrati**

Din il-proposta tieħu kont tar-riżultat ta' diskussjonijiet estensivi mal-Istati Membri fi ħdan il-Kunsill, speċjalment fil-qafas tal-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill SIS-TECH u SIS-SIRENE, kif ukoll tal-opinjonijiet espressi mill-membri tal-Bord tal-Ġestjoni Globali tal-Programm. Barra minn hekk, din twieġeb għal stedina magħmula lill-Kummissjoni mill-Istati Membri biex jallinjaw il-qafas legali li jirregola l-migrazzjoni ma' xenarju tekniku sostnut mill-esperti tagħhom.

- **Il-ġbir u l-użu tal-kompetenza**

Ma ntużax għarfien espert estern għat-tħejjija ta' din il-proposta.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Mhix meħtieġa valutazzjoni tal-impatt għal din il-proposta peress li din hi kontinwazzjoni ta' proġett tekniku mingħajr impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali identifikabbli biċ-ċar.

## 6. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ir-*Regolament (KE) Nru 2424/2001* u d-*Deċiżjoni 2001/886/ĠAI* jistipulaw li n-nefqa involuta fl-iżvilupp tas-SIS II għandha titħallas mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. Skont l-*Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006* u skont l-*Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill*

---

17 ĠU L 299, 8.11.2008, p. 1.
18 ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43.
19 ĠU L 257, 30.9.2009, p. 41.

*Nru 2007/533/ĠAI*, il-kostijiet għall-istabbiliment, it-tħaddim u ż-żamma tas-SIS II Ċentrali u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. Il-kostijiet tal-ittestjar, it-tħaddim u ż-żamma ta' kull N.SIS II għandhom jitħallsu mill-Istat Membru kkonċernat.

Ir-*Regolament (KE) Nru 1104/2008* u d-*Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI* żammew l-istess prinċipji tad-distribuzzjoni tal-kostijiet bħal hawn fuq. Madankollu, ġiet introdotta kategorija ġdida tal-kostijiet, jiġifieri dawk relatati mal-migrazzjoni mis-SIS 1 għas-SIS II. Skont l-*Artikoli 15* ta' dawk l-atti legali, il-kostijiet għall-migrazzjoni fil-livell ċentrali, flimkien ma' dawk għall-miżuri tal-ittestjar, iż-żamma u l-iżvilupp (SIS II Ċentrali u infrastruttura tal-komunikazzjoni) kienu ġew allokati għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. Il-kostijiet assoċjati mal-N.SIS II nazzjonali baqgħu jinġarru mill-Istati Membri.

Ir-*Regolament (KE) Nru 1987/2006* u d-*Deċiżjoni 2007/533/ĠAI*, kif ukoll id-*Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu mill-2007 sal-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni*[20], inkludew żviluppi nazzjonali tas-SIS II fost l-azzjonijiet eleġibbli li għandhom ikunu kkofinanzjati taħt il-Fond għall-Fruntieri Esterni (EBF). Id-*Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/599/KE tas-27 ta' Awwissu 2007 li timplimenta d-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida strateġiċi mill-2007 sal-2013*[21], identifikat ulterjorment lis-SIS II bħala waħda mill-ħames prijoritajiet strateġiċi taħt l-EBF, fejn ġiet rikonoxxuta l-importanza tal-appoġġ għall-iżvilupp koerenti u f'waqtu tal-proġetti nazzjonali flimkien mas-SIS II ċentrali.

Mill-adozzjoni ta' dawn l-atti legali kollha msemmija hawn fuq, il-proġett tas-SIS II irċieva riorjentazzjoni sinifikanti matul l-2010, wara t-tlestija ta' kampanja importanti ta' testijiet, l-hekk imsejħa Milestone 1. Barra minn hekk, l-evoluzzjonijiet fl-użu tas-SIS mill-utenti tagħha (l-Istati Membri) wasslu għal ħtieġa biex jiġu aġġornati r-rekwiżiti tekniċi tas-SIS II li jikkonċernaw il-prestazzjoni u l-kapaċità tal-ħażna, li żdiedet b'mod sostanzjali wara l-adeżjoni ta' disa' Stati Membri ġodda u l-Isvizzera. L-elementi aġġornati kienu riflessi fil-verżjoni l-ġdida tad-Dokument ta' Kontroll tal-Interface, l-ICD 3.0. Dawn il-modifiki kollha affettwaw il-kostijiet tal-proġett kemm fil-livell ċentrali kif ukoll fil-livell nazzjonali.

Fir-rigward tal-proċess ta' migrazzjoni, l-evoluzzjoni fir-rekwiżiti u l-avvanzi magħmula fit-tlestija tal-proġett wasslu għal definizzjoni mill-ġdid tal-arkitettura tal-migrazzjoni, tal-kalendarju tal-migrazzjoni u tar-rekwiżiti għall-ittestjar. Parti importanti mill-attivitajiet, li issa se jkunu meħtieġa fil-livell tal-Istati Membri għall-migrazzjoni lejn is-SIS II, ma kinux antiċipati fiż-żmien meta r-Regolament (KE) Nru 1104/2008 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI ġew adottati jew fiż-żmien meta l-pakkett finanzjarju u l-programmi multiannwali taħt l-EBF ġew imfassla.

Għalhekk, hu meħtieġ li jerġgħu jiġu allinjati parzjalment il-prinċipji tad-distribuzzjoni tal-kostijiet fir-rigward tal-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II. Ċerti attivitajiet nazzjonali relatati mal-migrazzjoni, b'mod partikolari f'konnessjoni mal-parteċipazzjoni tal-Istati Membri f'attivitajiet ta' ttestjar relatati mal-migrazzjoni, jistgħu jiġu kofinanzjati mil-linja baġitarja tas-SIS II tal-baġit ġenerali tal-Unjoni. Din il-possibbiltà tkun tkopri attivitajiet

[20] ĠU L 144, 6.6.2007, p. 22.
[21] ĠU L 233, 5.9.2007, p. 3.

speċifiċi u definiti tajjeb lil hinn, u mhux biex jikkoinċidu, ma' azzjonijiet oħra relatati mas-SIS II li se jkomplu jiġu appoġġjati taħt l-EBF. B'hekk l-assistenza finanzjarja pprovduta taħt din il-proposta tkun kumplimentari għal dik ipprovduta mill-EBF.

Peress li l-issettjar tas-sistemi nazzjonali hu obbligu primarjament tal-Istati Membri, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tibqa' għażla u din il-proposta ma għandhiex l-intenzjoni li toħloq xi obbligu għall-Unjoni. Hu wkoll neċessarju li jiġi determinat il-limitu tal-livell tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' kull Stat Membru. Din il-proposta ma tirrikjedix xi approprjazzjonijiet addizzjonali peress li l-approprjazzjonijiet li għadhom disponibbli fl-2011 se jintużaw biex ikopru d-differenzi bejn il-kostijiet totali fl-2012 u l-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-linja tal-baġit tas-SIS II għall-2012.

Il-Kummissjoni se tivvaluta, tiddeċiedi u tamministra l-operazzjoni ta' kofinanzjament b'konformità mal-proċeduri tal-baġit u oħrajn, b'mod partikolari dawk preskritti fir-Regolament Finanzjarju. L-Istati Membri jridu jikkomformaw mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, b'mod partikolari, il-valur għall-flus u l-kosteffikaċja. Il-Kummissjoni se tkun intitolata biex twettaq il-verifiki u l-ispezzjonijiet kollha neċessarji biex tiżgura l-ġestjoni korretta tal-fondi tal-Unjoni u biex tipproteġi l-interess finanzjarju tal-Unjoni kontra kwalunkwe frodi jew irregolarità. Il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea se tingħata s-setgħa biex twettaq l-awditjar neċessarju skont l-*Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*.

Il-kostijiet li jirriżultaw mill-attivitajiet fil-livell tas-SIS 1+, inklużi l-attivitajiet supplementari ta' Franza, f'isem l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+, se jkomplu jitħallsu skont l-Artikolu 119 tal-Konvenzjoni ta' Schengen. Dan l-Artikolu jistipula li l-kostijiet tal-istallazzjoni u tat-tħaddim tal-funzjoni tal-appoġġ tekniku tas-SIS 1+, kif imsemmi fl-Artikolu 92 (3) tal-Konvenzjoni, inkluż il-kostijiet tal-linji li jikkollegaw it-taqsimiet nazzjonali tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mal-funzjoni tal-appoġġ tekniku, għandhom jitħallsu b'mod konġunt mill-Istati Membri, filwaqt li l-kostijiet sabiex tiġi stallata u titħaddem it-taqsima nazzjonali tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għandhom jitħallsu minn kull Stat Membru individwali.

Il-Kummissjoni ħejjiet dikjarazzjoni finanzjarja annessa ma' din il-proposta.

## 7. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

### • Emenda tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Il-proposta tirriformula r-*Regolament (KE) Nru 1104/2008* u d-*Deċiżjoni 2008/839/ĠAI* f'att legali wieħed bħala regolament.

### • Tħassir tad-data tal-iskadenza

Minħabba l-kumplessità tal-proċess tal-migrazzjoni li, minkejja tħejjija kbira mill-partijiet interessati kollha, jinvolvi riskji tekniċi sinifikanti, din il-proposta tipprovdi għall-flessibbiltà neċessarja biex tirrispondi għal diffikultajiet mhux mistennija li s-sistemi ċentrali jew is-sistemi nazzjonali, jew sistema nazzjonali waħda, jistgħu jaffaċċjaw matul il-proċess tal-migrazzjoni; għalhekk ma għadux jinkludi data tal-iskadenza.

F'konformità mal-*Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikolu 71 tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI*, huwa l-Kunsill li għandu jiddetermina d-dati għall-applikabbiltà ta'

dawk l-atti legali kif ukoll għall-migrazzjoni. Peress li fid-dokumentazzjoni teknika hemm previst perjodu ta' xahar ta' waqgħa lura wara l-migrazzjoni, id-data tal-applikabbiltà tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI għandhom jippreċedu l-iskadenza tal-istrumenti tal-migrazzjoni mill-anqas xahar.

- **Skeda ta' żmien**

Sabiex tkun żgurata l-kontinwità tal-preparamenti u l-eżekuzzjoni f'waqtha tal-migrazzjoni, din il-proposta għandha tkun adottata mill-anqas fit-tieni kwart tal-2012.

2012/0033 (NLE)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (riformulazzjoni)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

---

🡻 1104/2008
⇨ ġdid

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropeali jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 7466 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[22],

⇨ Wara li kkonsulta mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, ⇦

Billi:

---

⇩ ġdid

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)[23] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)[24] ġew emendati b'mod sostanzjali. Billi għandhom isiru iżjed emendi, għandhom jiġu riformulati fl-interess taċ-ċarezza.

---

🡻 1104/2008 (adattat)
⇨ ġdid

(2) Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), stabbilita skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar l-

---

[22] ĠU C …
[23] ĠU L 299, 8.11.2008, p. 1.
[24] ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43.

abolizzjoni gradwali tal-kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom[25] (il-Konvenzjoni ta' Schengen), u l-iżvilupp sussegwenti tagħha, is-SIS 1+, jikkostitwixxu għodda essenzjali għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, kif dawn ġew integrati fil-qafas tal-Unjoni Ewropea.

(3) L-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) ġie fdat lill-Kummissjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2424/2001[26] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/886/ĠAI[27] tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II). ⇨ Dawk l-istrumenti skadew fil-31 ta' Diċembru 2008 qabel ma tlestew l-iżviluppi tal-SIS II. Dawk l-istrumenti kellhom għalhekk jiġu ssuplimentati l-ewwel permess tar-Regolament (KE) Nru 1104/2008 u permezz tad-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI u sussegwentement permezz ta' dan ir-Regolament sa data li kellha tiġi stabbilita mill-Kunsill li jaġixxi skont ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)[28] ⇦ u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)[29].

(4) Is-SIS II ġiet stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u bid-Deċiżjoni ~~tal-Kunsill~~ 2007/533/ĠAI ~~tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II)~~[30]. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dawk l-atti.

(5) Ċerti testijiet tas-SIS II huma previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 189/2008[31] u fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/173/ĠAI~~KE~~[32] dwar it-testijiet tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II).

(6) L-iżvilupp tas-SIS II għandu jitkompla u għandu jiġi ffinalizzat fil-qafas tal-iskeda globali tas-SIS II ~~approvata mill-Kunsill fis-6 ta' Ġunju 2008~~ ⇨ ppreżentata mill-Kummissjoni f' Ottubru 2010 ⇦ .

(7) Għandu jitwettaq test komprensiv tas-SIS II b'kooperazzjoni sħiħa bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Malajr kemm jista' jkun wara li jkun tlesta, it-test għandu jiġi vvalidat kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI. ⇨ Id-dejta tat-test biss għandha tintuża għall-iskop tat-test komprensiv. ⇦

(8) L-Istati Membri għandhom iwettqu test dwar l-iskambju ta' informazzjoni supplementari.

---

25 ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19.
26 ĠU L 328, 13.12.2001, p. 4.
27 ĠU L 328, 13.12.2001, p. 1.
28 ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4.
29 ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63.
30 ~~ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63.~~
31 ĠU L 57, 1.3.2008, p. 1.
32 ĠU L 57, 1.3.2008, p. 14.

(9) Fir-rigward tas-SIS 1+, il-Konvenzjoni ta' Schengen tipprevedi funzjoni ta' appoġġ tekniku (C.SIS). Fir-rigward tas-SIS II, ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI jipprevedu SIS II Ċentrali magħmula minn funzjoni ta' appoġġ tekniku u minn interfaċċja nazzjonali uniformi (NI-SIS). Il-funzjoni ta' appoġġ tekniku tas-SIS II Ċentrali għandha tkun ibbażata fi Strasburgu (Franza) u l-unità ta' riżerva f'St. Johann im Pongau (l-Awstrija).

(10) Sabiex jiġu ġestiti aħjar id-diffikultajiet potenzjali li jinħolqu bil-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II għandha tiġi stabbilita u ttestjata arkitettura interim għall-migrazzjoni għas-SIS~~Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen~~. L-arkitettura interim għall-migrazzjoni m'għandu jkollha l-ebda impatt fuq id-disponibbiltà operattiva tas-SIS 1+. Konvertitur għandu jkun ipprovdut mill-Kummissjoni.

(11) L-Istat Membru li joħroġ allert għandu jkun responsabbli sabiex jiżgura li d-dejta li tiddaħħal fis-SIS~~Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen~~ tkun preċiża, aġġornata u legali.

(12) Il-Kummissjoni għandha tibqa' responsabbli għas-SIS II Ċentrali u għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni tagħha. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-manutenzjoni u l-kontinwazzjoni tal-iżvilupp tas-SIS II u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tagħha, inkluż f'kull ħin il-korrezzjoni tal-iżbalji. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-koordinazzjoni u l-appoġġ għall-attivitajiet konġunti. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi, b'mod partikolari, l-appoġġ tekniku u operattiv meħtieġ għall-Istati Membri fil-livell tas-SIS II Ċentrali inkluż id-disponibbiltà ta' helpdesk.

(13) L-Istati Membri huma u għandhom jibqgħu responsabbli għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi nazzjonali tagħhom (N.SIS II).

(14) Franza għandha tibqa' responsabbli għall-funzjoni ta' appoġġ tekniku tas-SIS 1+, kif inhu previst espressament fil-Konvenzjoni ta' Schengen.

(15) Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri li jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom fil-qafas tal-Kunsill. Huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas għal dik l-azzjoni organizzattiva.

---

⇩ ġdid

(16) Sabiex tappoġġja lill-Istati Membri jagħżlu l-aktar soluzzjoni teknika u finanzjarja favorevoli, il-Kummissjoni għandha tniedi mingħajr dewmien il-proċess ta' adattament ta' dan ir-Regolament billi tipproponi reġim legali għall-migrazzjoni li jirrifletti aħjar l-approċċ għall-migrazzjoni tekniku kif deskritt fil-Pjan ta' Migrazzjoni tal-Proġett tas-SIS (il-Pjan ta' Migrazzjoni) approvat mill-Istati Membri fit-23 ta' Frar 2011.

(17) Il-Pjan ta' Migrazzjoni jiddeskrivi li fi ħdan il-perjodu tal-bidla, l-Istati Membri kollha, konsekuttivament, se jwettqu l-bidla individwali tagħhom tal-applikazzjoni nazzjonali mis-SIS I fis-SIS II. Huwa xieraq mil-lat tekniku li dawk l-Istati Membri li jkunu qalbu jkunu kapaċi jużaw l-ambitu sħiħ tas-SIS II minn meta ssir il-bidla u ma jkollhomx jistennew sakemm l-Istati Membri l-oħra jaqilbu wkoll. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu applikati r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI minn mindu tibda l-bidla mill-ewwel Stat Membru. Dan il-perjodu tal-

migrazzjoni għandu jinżamm l-iqsar possibbli. L-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI ma twaqqafx lil dawk l-Istati Membri li jkunu għadhom ma qalbux jew li jkunu waqgħu 'lura, milli jużaw is-SIS II limitata għal funzjonalitajiet tas-SIS 1+ matul il-perjodu ta' monitoraġġ intensiv.

(18) Huwa meħtieġ li tinżamm l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Konvenzjoni ta' Schengen fuq bażi temporanja billi jiġu inkorporati dawk id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament, peress li dawn jipprovdu l-qafas legali għall-konvertitur u l-arkitettura interim għall-migrazzjoni matul il-migrazzjoni. L-arkitettura interim għall-migrazzjoni għall-operazzjonijiet tas-SIS 1+ tippermetti lis-SIS 1+ u lil ċerti partijiet tekniċi tal-arkitettura tas-SIS II, li jridu jkunu qed jintużaw biex tkun possibbli migrazzjoni inkrimentali minn sistema għall-oħra, joperaw b'mod parallel matul perjodu tranżitorju limitat.

---

| ⬇ 541/2010 |
|---|

(19) Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI jipprevedu li għas-SIS II Ċentrali għandha tintuża l-aqwa teknoloġija disponibbli, soġġetta għal analiżi kost-effettività. L-Anness għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-direzzjoni ulterjuri tas-SIS II tal-4-5 ta' Ġunju 2009 stabbilixxa miri importanti li għandhom jintlaħqu sabiex jitkompla l-proġett attwali tas-SIS II. B'mod parallel, twettaq studju dwar l-elaborazzjoni ta' xenarju tekniku alternattiv għall-iżvilupp tas-SIS II abbażi tal-evoluzzjoni tas-SIS 1+ (SIS 1+ RE) bħala l-pjan ta' kontinġenza, f'każ li t-testijiet juru nonkonformità mar-rekwiżiti tal-miri importanti. Abbażi ta' dawn il-parametri, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jistieden lill-Kummissjoni biex taqleb għax-xenarju tekniku alternattiv.

(20) Id-deskrizzjoni tal-komponenti tekniċi tal-arkitettura tal-migrazzjoni għaldaqstant għandha tiġi adattata sabiex tippermetti soluzzjoni teknika oħra, u b'mod partikolari s-SIS 1+ RE dwar l-iżvilupp tas-SIS II Ċentrali. Is-SIS 1+ RE hija soluzzjoni teknika possibbli biex tiġi żviluppata s-SIS II Ċentrali u jinkisbu l-objettivi tas-SIS II stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI.

(21) Is-SIS 1+ RE hija karatterizzata b'mezzi uniċi bejn l-iżvilupp tas-SIS II u s-SIS 1+ . Ir-referenzi f'dan ir-Regolament għall-arkitettura teknika tas-SIS II u għall-proċess ta' migrazzjoni għandhom għalhekk, f'każ ta' implimentazzjoni ta' xenarju tekniku alternattiv, jinqraw bħala r-referenzi għas-SIS II abbażi ta' soluzzjoni teknika oħra, kif applikata mutatis mutandis għall-ispeċifiċitajiet tekniċi ta' din is-soluzzjoni, waqt li jinżamm l-objettiv li tiġi żviluppata SIS II Ċentrali.

---

| ⬇ 541/2010<br>⇨ ġdid |
|---|

(22) Fi kwalunkwe xenarju tekniku, ir-riżultat ta' migrazzjoni f'livell ċentrali għandu jkun d-disponibbiltà tal-bażi tad-dejta tas-SIS 1+ u funzjonalitajiet ġodda tas-SIS II, li jinkludu kategoriji ta' dejta addizzjonali, fis-SIS II Ċentrali. ⇨ Sabiex ikun iffaċilitat l-illowdjar tad-dejta għandu jkun speċifikat li dejta mħassra kif imsemmi fl-Artikolu 113 (2) tal-Konvenzjoni ta' Schengen mhux se tiġi emigrata mis-SIS 1+ għas-SIS II. ⇦

⇓ 1104/2008

(23) Il-Kummissjoni għandu jkollha l-poter li tikkuntratta lil partijiet terzi, inklużi korpi pubbliċi nazzjonali, il-kompiti li jiġu mogħtija lilha permezz ta' dan ir-Regolament u l-kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[33] ("ir-Regolament Finanzjarju").

Tali kuntratti għandhom jirrispettaw ir-regoli tal-protezzjoni tad-dejta u s-sigurtà tad-dejta u jieħdu f'konsiderazzjoni r-rwol tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta rilevanti applikabbli għas-SIS, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen u ta' dan ir-Regolament.

⇓ 541/2010

(24) Fir-rigward tal-finanzjament tal-iżvilupp tas-SIS II Ċentrali abbażi ta' soluzzjoni teknika alternattiva, dan għandu jkun kopert mill-baġit ġenerali tal-Unjoni filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja soda. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju l-Kummissjoni tista' tiddelega l-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit lil korpi tas-settur pubbliku nazzjonali. Wara l-orjentazzjoni politika u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni tkun mistiedna, f'każ li wieħed jaqleb għas-soluzzjoni alternattiva, biex tiddelega lil Franza l-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit relatati mal-iżvilupp tas-SIS II abbażi tas-SIS 1+ RE.

⇩ ġdid

(25) Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, kif ukoll id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu mill-2007 sal-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni[34], inkludew żviluppi nazzjonali tas-SIS II fost l-azzjonijiet eleġibbli li għandhom ikunu kkofinanzjati taħt il-Fond għall-Fruntieri Esterni (EBF). Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/599/KE tas-27 ta' Awwissu 2007 li timplimenta d-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida strateġiċi mill-2007 sal-2013[35], identifikat ulterjorment lis-SIS II bħala waħda mill-ħames prijoritajiet strateġiċi taħt l-EBF, fejn ġiet rikonoxxuta l-importanza tal-appoġġ għall-iżvilupp koerenti u f'waqtu tal-proġetti nazzjonali flimkien mas-SIS II ċentrali.

Mill-adozzjoni ta' dawk l-atti legali kollha, il-proġett tas-SIS II irċieva riorjentazzjoni sinifikanti matul l-2010, wara t-tlestija ta' kampanja importanti ta' testijiet, l-hekk imsejħa Milestone 1. Barra minn hekk, l-evoluzzjonijiet fl-użu tas-SIS mill-Istati Membri wasslu għal ħtieġa biex jiġu aġġornati r-rekwiżiti tekniċi tas-SIS II li

33 ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
34 ĠU L 144, 6.6.2007, p. 22.
35 ĠU L 233, 5.9.2007, p. 3.

jikkonċernaw il-prestazzjoni u l-kapaċità tal-ħażna li affettwaw il-kostijiet tal-proġett kemm fil-livell ċentrali kif ukoll fil-livell nazzjonali.

(26) Fir-rigward tal-proċess ta' migrazzjoni, l-evoluzzjoni fir-rekwiżiti u l-avvanzi magħmula fit-tlestija tal-proġett wasslu għal definizzjoni mill-ġdid tal-arkitettura tal-migrazzjoni, tal-kalendarju tal-migrazzjoni u tar-rekwiżiti għall-ittestjar. Parti importanti mill-attivitajiet, li issa se jkunu meħtieġa fil-livell tal-Istati Membri għall-migrazzjoni lejn is-SIS II, ma kinux antiċipati fiż-żmien meta r-Regolament (KE) Nru 1104/2008 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI ġew adottati jew fiż-żmien meta l-pakkett finanzjarju u l-programmi multiannwali taħt l-EBF ġew imfassla.

Għalhekk, hu meħtieġ li jerġgħu jiġu allinjati parzjalment il-prinċipji tad-distribuzzjoni tal-kostijiet għall-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II. Ċerti attivitajiet nazzjonali relatati mal-migrazzjoni, b'mod partikolari f'konnessjoni mal-parteċipazzjoni tal-Istati Membri f'attivitajiet ta' ittestjar relatati mal-migrazzjoni, jistgħu jiġu kofinanzjati mil-linja baġitarja tas-SIS II tal-baġit ġenerali tal-Unjoni. Din il-possibbiltà għandha tkopri attivitajiet speċifiċi u definiti tajjeb lil hinn, u mhux biex jikkoinċidu ma', azzjonijiet oħra relatati mas-SIS II li se jkomplu jiġu appoġġjati taħt l-EBF. B'hekk l-assistenza finanzjarja pprovduta taħt din il-proposta għandha tkun kumplimentari għal dik ipprovduta mill-EBF.

(27) Fir-rigward tal-kofinanzjament ipprovdut taħt dan ir-Regolament, għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex jiġu evitati l-irregolaritajiet u l-frodi u għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex jiġu rkuprati l-fondi mitlufa, mħallsa ħażin jew użati b'mod mhux korrett f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea[36], ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra[37], u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1073/1999 (KE) tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)[38].

(28) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[39].

---

| 🡻 541/2010 (adattat) |
|---|

(29) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikomplu jikkooperaw mill-qrib matul il-passi kollha tal-iżvilupp u l-migrazzjoni sabiex il-proċess ikun jista' jitlesta. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-SIS II tas-26-27 ta' Frar 2009 u l-4-

---

[36] ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.
[37] ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
[38] ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.
[39] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

5 ta' Ġunju 2009, ġie stabbilit korp informali li jikkonsisti f'esperti tal-Istati Membri u msejjaħ il-Bord tal-Ġestjoni Globali tal-Programm, sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni u jingħata appoġġ dirett mill-Istati Membri lill-proġett ċentrali tas-SIS II. Ir-riżultat pożittiv tal-ħidma tal-grupp u l-ħtieġa li jissaħħu aktar il-kooperazzjoni u t-trasparenza tal-proġett jiġġustifikaw l-integrazzjoni formali tal-gupp fl-istruttura tal-ġestjoni tas-SIS II. Għadaqstant għandu jiġi stabbilit formalment grupp ta' esperti, imsejjaħ il-Bord tal-Ġestjoni Globali tal-Programm sabiex jikkomplementa l-istruttura organizzattiva ⌦ tas-SIS II ⌫ attwali. Sabiex jiġu żgurati l-effiċjenza kif ukoll il-kost-effettività n-numru ta' esperti għandu jkun limitat. Il-grupp ta' esperti għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.

---

🡻 1104/2008

(30) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta[40] japplika għall-ipproċessar tad-dejta personali mill-Kummissjoni.

---

🡻 1104/2008 (adattat)
⇨ ġdid

(31) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta~~, maħtur skont id-Deċiżjoni 2004/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2003 li taħtar il-korp indipendenti ta' superviżjoni previst fl-Artikolu 286 tat-Trattat KE[41],~~ ⇨ hu responsabbli biex jissorvelja u jiżgura l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u ⇦ huwa kompetenti li jissorvelja l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet u l-korpi ~~Komunitarji~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali. ⇨ Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Konvenzjoni ta' Schengen u tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 kif ukoll tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI dwar il-protezzjoni u s-sigurtà tad-dejta personali. ⇦

---

⇩ ġdid

(32) Il-migrazzjoni hi proċess kumpless li, minkejja l-preparamenti intensivi mill-partijiet interessati kollha, tinvolvi riskji tekniċi sinifikanti. Hu mixtieq li l-qafas legali jipprovdi għall-flessibbiltà neċessarja biex jirrispondi għad-diffikultajiet mhux mistennija li s-sitema ċentrali jew li s-sistemi nazzjonali, jew sistema nazzjonali waħda, jistgħu jaffaċċjaw matul il-proċess tal-migrazzjoni. Għalhekk ma għandhiex tkun speċifikata xi data tal-iskadenza f'dan ir-Regolament. Id-data finali għall-migrazzjoni għandha tkun stabbilita mill-Kunsill skont l-Artikolu 55 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikolu 71 (2) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI.

---

40 ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
41 ~~ĠU L 12, 17.1.2004, p. 47.~~

↓ 1104/2008 (adattat)

(33) Billi l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tiġi stabbilita l-arkitettura interim għall-migrazzjoni u l-migrazzjoni tad-dejta mis-SIS 1+ għas-SIS II, ma jkunux jistgħu jintlaħqu sew mill-Istati Membri u, għaldaqstant jistgħu, minħabba fl-iskala tad-daqs jew fl-effetti tal-azzjoni, jiġu milħuqa aħjar fil-livell tal-UnjoniKomunitarju, l-Unjoniil-Komunità tista' tadotta miżuri b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjonili jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jeċċedix dak li hu neċessarju biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(34) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(21) Il-Konvenzjoni ta' Schengen għandha tiġi emendata sabiex tippermetti l-integrazzjoni tas-SIS 1+ fl-arkitettura interim għall-migrazzjoni.

(35) B'mod konformi mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Tratttat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjonili jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix tieħuma tiħux sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u għalhekk mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Peress li dan ir-Regolament jibni fuq l-acquis ta' Schengen taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tat-Trattat KE, id-Danimarka għandha, b'konformità mal-Artikolu 45 ta' dan il-Protokoll, trid tiddeċiedi f'perijodu ta' sitt xhur wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament jekk hix ser timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.

↓ 2008/839/ĠAI
⇨ ġdid

(36) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li r-Renju Unit qed jieħu sehem fih, skont l-Artikolu 8 (2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi disposizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen[42], ⇨ minħabba li dak l-artikolu jirreferi għad-dispożizzjoni tal-Konvenzjoni ta' Schengen li tistabbilixxi s-SIS bl-eċċezzjoni għall-Artikolu 96 tagħha. ⇦

(37) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li r-Renju Unit jiħux sehem fih, skont l-Artikolu 6 (2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi disposizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen[43], ⇨ minħabba li dak l-artikolu jirreferi għad-dispożizzjoni tal-Konvenzjoni ta' Schengen li tistabbilixxi s-SIS bl-eċċezzjoni għall-Artikolu 96 tagħha. ⇦

[42] ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
[43] ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

(38) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti għall-parteċipazzjoni parzjali tar-Renju Unit u tal-Irlanda fl-acquis ta' Schengen kif determinat bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2000/365/KE u 2002/192/KE rispettivament.

(39) Fir-rigward tal-Islanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp fid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dan tal-aħħar~~dawk iż-żewġ Stati~~ fl-implimentazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen[44], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt G tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE[45] dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim.

(40) Fir-rigward tal-Isvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-implimetazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen[46], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt G tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE[47].

(41) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-implimetazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt G tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE[48].

---

⇩ ġdid

(42) Fir-rigward ta' Ċipru, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq, jew inkella huwa relatat mal-acquis ta' Schengen fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003,

---

🡻 1104/2008 (adattat)

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Għan ġenerali**

---

44 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
45 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
46 ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.
47 ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.
48 ĠU L 160, 18.5.2011, p. 19.

1. Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) stabbilita skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Konvenzjoni ta' Schengen 1990 (SIS 1+), għandha tiġi sostitwita b'sistema ġdida, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II (SIS II), li l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tagħha huma rregolati bir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 ⌦ u bid-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI ⌫ .

2. Skont il-proċeduri u t-tqassim tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament is-SIS II għandha tiġi żviluppata mill-Kummissjoni u l-Istati Membri bħala sistema integrata unika u għandha titħejja għat-tħaddim.

---

🡻 541/2010 Art. 1.1

3. L-iżvilupp tas-SIS II jista' jinkiseb bl-implimentazzjoni ta' xenarju tekniku alternattiv karatterizzat bl-ispeċifiċitajiet tekniċi tiegħu.

---

🡻 1104/2008 (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "SIS II Ċentrali" tfisser il-funzjoni ta' appoġġ tekniku tas-SIS II li fiha bażi tad-dejta, il-"bażi tad-dejta tas-SIS II", u interfaċċja nazzjonali uniformi (NI-SIS);

(b) "C.SIS" tfisser il-funzjoni ta' appoġġ tekniku tas-SIS 1+, li fiha l-bażi tad-dejta ta' referenza għas-SIS 1+ u l-interfaċċja nazzjonali uniformi (N.COM);

(c) "N.SIS" tfisser is-sistema nazzjonali tas-SIS 1+, li tikkonsisti fis-sistemi ta' dejta nazzjonali li jikkomunikaw mas-C.SIS;

(d) "N.SIS II" tfisser is-sistema nazzjonali tas-SIS II, li tikkonsisti fis-sistemi ta' dejta nazzjonali li jikkomunikaw mas-SIS II Ċentrali;

(e) "konvertitur" tfisser għodda teknika li tippermetti komunikazzjoni konsistenti u affidabbli bejn is-C.SIS u s-SIS II Ċentrali, li tiżgura l-funzjonalitajiet previsti fl-Artikolu 10(3) ⇨ li tippermetti l-konverżjoni u s-sinkronizzazzjoni tad-dejta bejn is-C.SIS u s-SIS II Ċentrali; ⇦

(f) "test komprensiv" tfisser it-test imsemmi fl-Artikolu 55(3)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 ⌦ u fl-Artikolu 71 (3)(c) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI ⌫ ;

(g) "test dwar informazzjoni supplimentari" tfisser testijiet funzjonali bejn l-Uffiċċji SIRENE.

*Artikolu 3*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jiddefinixxi l-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni, ta’ Franza u tal-Istati Membri l-oħrajn li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ fir-rigward tal-kompiti li ġejjin:

(a) il-manutenzjoni u l-kontinwazzjoni tal-iżvilupp tas-SIS II;

(b) test komprensiv tas-SIS II;

(c) test dwar informazzjoni supplimentari;

(d) il-kontinwazzjoni tal-iżvilupp u l-ittestjar ta’ konvertitur;

(e) l-istabbiliment u l-ittestjar ta’ arkitettura ta’ migrazzjoni proviżorja;

(f) il-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II.

*Artikolu 4*

**Komponenti tekniċi tal-arkitettura għall-migrazzjoni**

---

🡻 541/2010 Art. 1.2

Sabiex tiġi żgurata l-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II, il-komponenti li ġejjin għandhom ikunu disponibbli safejn neċessarju:

---

🡻 1104/2008

(a) is-C.SIS u l-konnessjoni mal-konvertitur;

(b) l-infrastruttura tal-komunikazzjoni għas-SIS 1+ li tippermetti lis-C.SIS tikkomunika mal-N.SIS;

(c) l-N.SIS;

(d) is-SIS II Ċentrali, l-NI-SIS u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni għas-SIS II li tippermetti lis-SIS II Ċentrali tikkomunika mal-N.SIS II u l-konvertitur;

(e) l-N.SIS II;

(f) il-konvertitur.

*Artikolu 5*

**Responsabbiltajiet prinċipali fl-iżvilupp tas-SIS II**

1. Il-Kummissjoni għandha tkompli tiżviluppa s-SIS II Ċentrali, l-infrastruttura tal-komunikazzjoni u l-konvertitur.

2. Franza għandha tagħmel disponibbli u topera s-C.SIS f’konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta’ Schengen.

3. L-Istati Membri għandhom ikomplu jiżviluppaw l-N.SIS II.

4. L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom iżommu l-N.SIS f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

5. L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom jagħmlu disponibbli u joperaw l-infrastruttura tal-komunikazzjoni għas-SIS 1+.

6. Il-Kummissjoni għandha tikkoordina l-attivitajiet u tipprovdi l-appoġġ meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-kompiti u r-responsabbiltajiet imsemmijin fil-paragrafi 1 sa 3.

---

🡻 1104/2008 (adattat)

*Artikolu 6*

**Kontinwazzjoni tal-iżvilupp**

Il-miżuri meħtieġa biex jitkompla l-iżvilupp tas-SIS II kif imsemmi fl-Artikolu 5(1), b'mod partikolari l-miżuri meħtieġa għall-korrezzjoni tal-iżbalji, għandhom ikunu atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami definita fl-Artikolu ⌦ 17(2) ⌫ .

Il-miżuri meħtieġa biex jitkompla l-iżvilupp tas-SIS II kif imsemmi fl-Artikolu 5(3), safejn jikkonċerna l-interfaċċja nazzjonali uniformi filwaqt li tkun żgurata l-kompatibbiltà tal-N.SIS II mas-SIS II Ċentrali, għandhom ikunu atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami definita fl-Artikolu ⌦ 17(2) ⌫ .

*Artikolu 7*

**Attivitajiet prinċipali**

1. Il-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom iwettqu test komprensiv.

2. Għandha tiġi stabbilita arkitettura interim għall-migrazzjoni ~~tas-SIS~~ u għandu jitwettaq test ta' dik l-arkitettura mill-Kummissjoni flimkien ma' Franza u l-Istati Membri l-oħrajn li jipparteċipaw fis-SIS 1+.

3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom iwettqu l-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II.

4. L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom iwettqu test dwar l-iskambju tal-informazzjoni supplimentari.

5. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-appoġġ meħtieġ fil-livell tas-SIS II Ċentrali għall-attivitajiet fil-paragrafi 1 sa 4.

6. L-attivitajiet fil-paragrafi 1 sa 3 għandhom jiġu kkoordinati mill-Kummissjoni u l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill.

*Artikolu 8*

**Test Komprensiv**

1. It-test komprensiv m'għandux jibda qabel ma l-Kummissjoni tkun iddikjarat li hija tqis il-livell ta' suċċess tat-testijiet imsemmijin fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 189/2008 ⌦ u fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI ⌫ bħala suffiċjenti biex jinbeda tali test.

2. Għandu jitwettaq test komprensiv bl-għan li jiġu kkonfermati, b'mod partikolari, l-ikkompletar mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ tal-arranġamenti tekniċi meħtieġa sabiex tkun ipproċessata d-dejta tas-SIS II u t-turija li l-livell ta' prestazzjoni tas-SIS II huwa mill-anqas l-istess bħal dak miksub mis-SIS 1+.

3. It-test komprensiv għandu jitwettaq mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għall- N.SIS II u mill-Kummissjoni għas-SIS II Ċentrali.

4. It-test komprensiv għandu jsegwi skeda dettaljata definita mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

5. It-test komprensiv għandu jkun ibbażat fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi definiti mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

6. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill għandhom jiddefinixxu l-kriterji biex jiġi determinat jekk l-arranġamenti tekniċi meħtieġa għall-ipproċessar tad-dejta tas-SIS II humiex kompluti u jekk il-livell ta' prestazzjoni tas-SIS II huwiex mill-anqas ekwivalenti għal dak miksub mis-SIS 1+.

7. Ir-riżultati tat-test għandhom jiġu analizzati permezz tal-kriterji kif imsemmi~~imsemmijin~~ fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill u l-Kummissjoni. Ir-riżultati tat-test għandhom jiġu vvalidati skont l-Artikolu 55(3)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 ⌦ u fl-Artikolu 71 (3)(c) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI ⌫ .

8. L-Istati Membri li mhux qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ jistgħu jipparteċipaw fit-test komprensiv. Ir-riżultati tagħhom m'għandhomx jaffettwaw il-validazzjoni ġenerali tat-test.

*Artikolu 9*

**Test dwar informazzjoni supplimentari**

1. L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom iwettqu testijiet funzjonali tas-SIRENE.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli s-SIS II Ċentrali u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tagħha matul it-twettiq tat-test dwar l-informazzjoni supplimentari.

3. It-test dwar l-informazzjoni supplimentari għandu jsegwi skeda dettaljata definita mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill.

4. It-test dwar l-informazzjoni supplimentari għandu jkun ibbażat fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi definiti mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill.

5. Ir-riżultati tat-test għandhom jiġu analizzati mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill.

6. L-Istati Membri li mhux qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ jistgħu jipparteċipaw fit-test dwar l-informazzjoni supplimentari. Ir-riżultati tagħhom m'għandhomx jaffettwaw il-validazzjoni ġenerali tat-test.

*Artikolu 10*

**Arkitettura interim għall-migrazzjoni**

1. Għandha tiġi stabbilita arkitettura interim għall-migrazzjoni ~~tas-SIS~~. Il-konvertitur jgħaqqad is-SIS II Ċentrali u s-C.SIS għal perijodu transitorju. L-N.SIS jigu~~huma~~ magħqudin mas-C.SIS, l-N.SIS II mas-SIS II Ċentrali.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi konvertitur, is-SIS II Ċentrali u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tagħha bħala parti mill-arkitettura interim għall-migrazzjoni ~~tas-SIS~~.

---

⬇ 541/2010 Art. 1.3

3. Safejn huwa meħtieġ, il-konvertitur għandu jaqleb id-dejta f'żewġ direzzjonijiet bejn is-C.SIS u s-SIS II Ċentrali u jżomm is-C.SIS u s-SIS II Ċentrali sinkronizzati.

---

⬇ 1104/2008

4. Il-Kummissjoni għandha tittestja l-komunikazzjoni bejn is-SIS II Ċentrali u l-konvertitur.

5. Franza għandha tittestja l-komunikazzjoni bejn is-C.SIS u l-konvertitur.

6. Il-Kummissjoni u Franza għandhom jittestjaw il-komunikazzjoni bejn is-SIS II Ċentrali u s-C.SIS permezz tal-konvertitur.

7. Franza, flimkien mal-Kummissjoni, għandha tqabbad is-C.SIS permezz tal-konvertitur mas-SIS II Ċentrali.

8. Il-Kummissjoni, flimkien ma' Franza u l-Istati Membri l-oħrajn li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+, għandhom jittestjaw l-arkitettura interim għall-migrazzjoni ~~tas-SIS~~ sħiħa skont pjan ta' ttestjar ipprovdut mill-Kummissjoni.

9. Jekk ikun meħtieġ, Franza għandha tagħmel dejta disponibbli għall-finijiet tal-ittestjar.

🡻 1104/2008
⇨ ġdid

*Artikolu 11*

**Migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II**

1. Għall-migrazzjoni mis-C.SIS għas-SIS II Ċentrali, Franza għandha tagħmel disponibbli l-bażi tad-dejta tas-SIS 1+ u l-Kummissjoni għandha tintroduċi l-bażi tad-dejta tas-SIS 1+ fis-SIS II Ċentrali. ⇨ Dejta tal-bażi tad-dejta tas-SIS 1+ msemmija fl-Artikolu 113 (2) tal-Konvenzjoni ta' Schengen ma għandhiex tkun introdotta fis-SIS II Ċentrali ⇦.

🡻 541/2010 Art. 1.4

2. L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom jemigraw mill-N.SIS għall-N.SIS II billi jużaw l-arkitettura interim għall-migrazzjoni, bl-appoġġ ta' Franza u tal-Kummissjoni.

🡻 1104/2008 (adattat)

⌦ 3. Il-migrazzjoni tas-sistema nazzjonali mis-SIS 1+ għas-SIS II tibda permezz tal-~~tikkonsisti fl-~~illowdjar tad-dejta tal-N.SIS II, meta dik l-N.SIS II għandu jkun fiha fajl tad-dejta, il-kopja nazzjonali, li tinkludi kopja kompluta jew parzjali tal-bażi tad-dejta tas-SIS II. ⌫

⌦ L-illowdjar tad-dejta kif deskritt fl-ewwel subparagrafu għandu jkun segwit minn bidla~~konverżjoni~~ mill-N.SIS għall-N.SIS II għal kull Stat Membru. ⌫

⌦ Il-migrazzjoni għandha ssegwi skeda dettaljata pprovduta mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill. ⌫

🡻 1104/2008
⇨ ġdid

4. Il-Kummissjoni għandha tassisti fil-koordinazzjoni u l-appoġġ tal-attivitajiet komuni matul il-migrazzjoni.

⇨ 5. Il-bidla għandha sseħħ wara l-validazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(7) fid-data stabbilita mill-Kunsill skont l-Artikolu 55 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikolu 71 (2) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI. ⇦

🡻 1104/2008

*Artikolu 12*

**Qafas legali sostantiv**

⇩ ġdid

Matul il-migrazzjoni għall-illowdjar tad-dejta kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11 (3), id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Konvenzjoni ta' Schengen għandhom jibqgħu japplikaw għas-SIS 1+.

Mill-bidla tal-ewwel Stat Membru mill-N.SIS għall-N.SIS II, kif imsemmija fit-tieni subġaragrafu tal-Artikolu 11 (3) ta' dan ir-Regolament, ir-Regolament (KE) 1987/2006 u d-Deċiżjoni 533/2007/ĠAI għandhom japplikaw.

---

🡻 1104/2008

*Artikolu 13*

**Kooperazzjoni**

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw għat-twettiq tal-attivitajiet kollha koperti b'dan ir-Regolament skont ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.

2. Il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tipprovdi l-appoġġ meħtieġ fil-livell tas-SIS II Ċentrali għall-ittestjar u l-migrazzjoni tal-N.SIS II.

3. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jipprovdu l-appoġġ meħtieġ fil-livell tal-N.SIS II għall-ittestjar tal-infrastruttura interim għall-migrazzjoni.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 14*

**Sostituzzjoni tat-taqsimiet nazzjonali permezz tal-N.SIS II**

1. L-N.SIS II tista' tissostitwixxi t-taqsima nazzjonali msemmija fl-Artikolu 92 tal-Konvenzjoni ta' Schengen, u f'dak il-każ l-Istati Membri m'għandhomx għalfejn iżommu fajl bid-dejta nazzjonali.

2. Jekk xi Stat Membru jissostitwixxi t-taqsima nazzjonali tiegħu bl-N.SIS II, il-funzjonijiet obbligatorji tal-funzjoni ta' appoġġ tekniku fir-rigward ta' dik it-taqsima nazzjonali kif hemm imsemmi fl-Artikolu 92(2) u (3) tal-Konvenzjoni ta' Schengen għandhom isiru funzjonijiet obbligatorji fir-rigward tas-SIS II Ċentrali, mingħajr preġudizzju għall-obbligi imsemmija fl-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 10(1), (2) u (3) ta' dan ir-Regolament.

---

🡻 1104/2008

*Artikolu 15*

---

⇩ ġdid

**L-ipproċessar tad-dejta u ż-żamma ta' reġistri fis-SIS II Ċentrali**

1. Il-bażi tad-dejta tas-SIS II Ċentrali għandha tkun disponibbli għall-fini li jitwettqu tfittxijiet awtomatizzati fit-territorju ta' kull Stat Membru.

2. Is-SIS II Ċentrali għandha tipprovdi s-servizzi meħtieġa għad-dħul u l-ipproċessar tad-dejta tas-SIS 1+, l-aġġornament onlajn tal-kopji nazzjonali tal-N.SIS II, is-sinkronizzazzjoni ta' u l-konsistenza bejn il-kopji nazzjonali tal-N.SIS II u l-bażi tad-dejta tas-SIS II Ċentrali u tipprovdi l-operazzjonijiet għall-inizjalizzazzjoni u r-restawr tal-kopji nazzjonali tal-N.SIS II.

---

| ➔ 1104/2008 |
|---|

3. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Titolu IV tal-Konvenzjoni ta' Schengen, il-Kummissjoni għandha tiżgura li kull aċċess għal, u kull skambju ta' dejta personali fi ħdan is-SIS II Ċentrali jiġu rreġistrati għall-finijiet ta' verifika dwar jekk it-tfittxija tkunx skont il-liġi jew le, ta' monitoraġġ tal-legalità tal-ipproċessar tad-dejta u sabiex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tas-SIS II Ċentrali u tas-sistemi nazzjonali, l-integrità u s-sigurtà tad-dejta.

4. Ir-reġistri għandhom juru, b'mod partikolari, id-data u l-ħin tad-dejta trażmessa, id-dejta użata biex isiru tfittxijiet, ir-referenza għad-dejta trasmessa u l-isem tal-awtorità kompetenti responsabbli għall-ipproċessar tad-dejta.

5. Ir-reġistri jistgħu jintużaw biss għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u għandhom jitħassru mhux qabel sena u mhux iktar tard minn tliet snin wara li jkunu nħolqu.

6. Ir-reġistri jistgħu jinżammu għal perijodu itwal jekk ikunu meħtieġa għall-proċeduri ta' monitoraġġ li jkunu diġà bdew.

7. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-kontroll dwar jekk it-tfittxija tkunx skont il-liġi jew le, mill-monitoraġġ tal-legalità tal-ipproċessar ta' dejta, mill-awtomonitoraġġ u biex jiżguraw il-funzjonament tajjeb tas-SIS II Ċentrali, l-integrità u s-sigurtà tad-dejta, għandu jkollhom aċċess, sal-limiti tal-kompetenzi tagħhom u fuq talba tagħhom, għal dawk ir-reġistri bil-għan li jaqdu l-kompiti tagħhom.

---

| ➔ 1104/2008<br>⇨ ġdid |
|---|

*Artikolu 16*

**Kostijiet~~Spejjeż~~**

1. Il-kostijiet~~L-ispejjeż~~ li jirriżultaw mill-migrazzjoni, it-test komprensiv, it-test dwar l-informazzjoni supplimentari, il-manutenzjoni u l-miżuri ta' żvilupp fil-livell ta' SIS II Ċentrali jew li jikkonċernaw l-infrastruttura tal-komunuikazzjoni għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni ~~Ewropea~~.

2. Il-kostijiet li jirriżultaw ⇨ mill-istallazzjoni, ⇦ il-migrazzjoni, l-ittestjar, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistemi nazzjonali ⇨ , kif ukoll mill-kompiti li għandhom isiru mis-sistemi nazzjonali skont dan ir-Regolament, ⇦ għandhom jitħallsu minn kull Stat Membru kkonċernat.

⇩ ġdid

3. L-Unjoni tista' tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għan-nefqiet tal-Istati Membri għall-migrazzjoni u l-attivitajiet tal-ittestjar relatati mal-migrazzjoni tagħhom li jsiru skont dan ir-Regolament li mhumiex eliġibbli għal finanzjament taħt il-Fond għall-Fruntieri Esterni sakemm l-Istat Membru kkonċernat ikun kapaċi juri biċ-ċar il-ħtiġijiet tiegħu għal fondi addizzjonali.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni relatata mal-attivitajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu se jieħu l-forma ta' għotjiet kif previst mit-Titolu VI tar-Regolament Finanzjarju. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni ma għandhiex taqbeż 75 % tan-nefqiet eliġibbli ta' kull Stat Membru u ma għandhiex taqbeż EUR 750 000 għal kull Stat Membru. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta, tiddeċiedi u tamministra l-operazzjoni ta' kofinanzjament b'konformità mal-proċeduri tal-baġit u oħrajn, b'mod partikolari dawk preskritti fir-Regolament Finanzjarju.

Kull Stat Membru li jitlob tali kontribuzzjoni finanzjarja għandu jipprepara previżjoni finanzjarja li tindika t-tqassim tal-kostijiet operattivi kif ukoll amministrattivi tal-attivitajiet marbuta għall-ittestjar u l-migrazzjoni. Meta l-Istati Membri jużaw il-fondi tal-Unjoni għan-nefqiet tagħhom, dawk in-nefqiet għandhom ikunu raġonevoli u konformi mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda, b'mod partikolari valur għal flus u kosteffikaċja. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni dwar l-użu tagħhom tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni sa mhux iktar tard minn sitt xhur wara d-data stabbilita mill-Kunsill skont l-Artikolu 55 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikolu 71 (2) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI.

Meta l-kontribuzzjoni tal-Unjoni ma tiġix implimentata jew tiġi implimentata mhux kif xieraq, parzjalment jew tard, l-Unjoni tista' tnaqqas, iżżomm jew ittemm il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha. Meta l-Istati Membri ma jikkontribwixxux jew jikkontribwixxu biss parzjalment jew tard għall-finanzjament tal-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-Unjoni tista' tnaqqas il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha.

4. Il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea għandha tkun intitolata biex twettaq awditjar xieraq flimkien ma' korpi nazzjonali tal-awditjar jew mad-dipartimenti kompetenti nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tkun mogħtija l-poter biex twettaq il-verifiki u l-ispezzjonijiet kollha neċessarji biex tiżgura l-ġestjoni korretta tal-fondi tal-Unjoni u biex tipproteġi l-interess finanzjarju tal-Unjoni kontra kwalunkwe frodi jew irregolarità. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli d-dokumenti kollha rilevanti lill-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri.

5. Il-kostijiet tal-istallazzjoni u t-tħaddim tal-funzjoni ta' appoġġ tekniku msemmija fl-Artikolu 92 (3) tal-Konvenzjoni ta' Schengen, inklużi l-kostijiet tal-linji li jikkollegaw it-taqsimiet nazzjonali tas-SIS 1+ mal-funzjoni ta' appoġġ tekniku, u tal-attivitajiet imwettqa flimkien mal-kompiti mogħtija lil Franza għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jitħallsu b'mod konġunt mill-Istati Membri.

*~~Artikolu 16~~*

**~~Emenda tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen~~**

~~Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen huma b'dan emendati kif ġej:~~

~~1. L-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:~~

*~~"Artikolu 92 A~~*

~~1. Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008[49] u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI[50] u abbażi tad-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, l-arkitettura teknika tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tista' tiġi supplimentata bi:~~

~~(a) sistema ċentrali addizzjonali magħmula minn:~~

- ~~funzjoni ta' appoġġ tekniku (SIS II Ċentrali), li tinsab fi Franza u unità ta' riżerva tas-SIS II Ċentrali li tinsab fl-Awstrija, li fihom bażi tad-data tas-SIS II u interfaċċja nazzjonali uniformi (NI-SIS);~~
- ~~konnessjoni teknika bejn is-C.SIS u s-SIS II Ċentrali permezz tal-konvertitur li tippermetti l-konverżjoni u s-sinkronizzazzjoni tad-data bejn is-C.SIS u s-SIS II Ċentrali;~~

~~(b) sistema nazzjonali (N.SIS II), li tikkonsisti fis-sistemi ta' data nazzjonali, li tikkomunika mas-SIS II Ċentrali;~~

~~(ċ) infrastruttura għall-komunikazzjoni bejn is-SIS II Ċentrali u l-N.SIS II konnessa mal-NI-SIS.~~

~~2. L-N.SIS II tista' tissostitwixxi t-taqsima nazzjonali msemmija fl-Artikolu 92 ta' din il-Konvenzjoni, u f'dak il-każ l-Istati Membri m'għandhomx għalfejn iżommu fajl bid-data nazzjonali.~~

~~3. Il-bażi tad-data tas-SIS II Ċentrali għandha tkun disponibbli għall-fini li jitwettqu tfittxijiet awtomatizzati fit-territorju ta' kull Stat Membru.~~

~~4. F'każ li xi Stat Membru jissostitwixxi t-taqsima nazzjonali tiegħu bl-N.SIS II, il-funzjonijiet obbligatorji tal-funzjoni ta' appoġġ tekniku fir-rigward ta' dik it-taqsima nazzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 92(2) u (3) isiru funzjonijiet obbligatorji fir-rigward tas-SIS II Ċentrali, mingħajr preġudizzju għall-obbligi msemmija fid-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI u fl-Artikoli 5(1), 10(1), (2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1104/2008.~~

~~5. Is-SIS II Ċentrali għandha tipprovdi s-servizzi meħtieġa għad-dħul u l-ipproċessar tad-data tas-SIS, l-aġġornament onlajn tal-kopji nazzjonali tal-N.SIS II, is-sinkronizzazzjoni ta' u l-konsistenza bejn il-kopji nazzjonali tal-N.SIS II u l-bażi tad-data tas-SIS II Ċentrali u tipprovdi l-operazzjonijiet għall-inizjalizzazzjoni u r-restawr tal-kopji nazzjonali tal-N.SIS II.~~

~~6. Franza, li hija responsabbli għall-funzjoni ta' appoġġ tekniku, l-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw li tfittxija fil-fajls~~

[49] ~~ĠU L 299, 8.11.2008, p. 1.~~
[50] ~~ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43.~~

~~tad-data tal-N.SIS II jew fil-bażi tad-data tas-SIS II tipproduċi riżultat ekwivalenti għal dak ta' tfittxija fil-fajl tad-data tat-taqsimiet nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 92(2).”»~~

~~2. Fl-Artikolu 119 l-ewwel paragrafu, l-ewwel sentenza, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:~~

~~“L-ispejjeż tal-installazzjoni u t-tħaddim tal-funzjoni ta' appoġġ tekniku msemmija fl-Artikolu 92(3), inklużi l-ispejjeż tal-linji li jikkollegaw it-taqsimiet nazzjonali tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mal-funzjoni ta' appoġġ tekniku, u tal-attivitajiet imwettqa flimkien mal-kompiti mogħtija lil Franza fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI u tar-Regolament (KE) Nru 1104/2008 għandhom jitħallsu b'mod konġunt mill-Istati Membri.”~~

~~3. Fl-Artikolu 119, it-tieni paragrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:~~

~~“L-ispejjeż tal-installazzjoni u t-tħaddim tat-taqsima nazzjonali tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u tal-kompiti mogħtija lis-sistemi nazzjonali skond id-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI u r-Regolament (KE) Nru 1104/2008 għandhom jitħallsu minn kull Stat Membru individwalment.”»~~

---

| ➔ 1104/2008 (adattat) |
|---|

*Artikolu* 17~~1~~

**Kumitat**

⌦ 1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u bl-Artikolu 67 tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. ⌫

⌦ 2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. ⌫

~~Il-perijodu previst fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.~~

---

| ➔ 541/2010 Art. 1.5<br>⇨ ġdid |
|---|

*Artikolu* 18

**Bord tal-Ġestjoni Globali tal-Programm**

1. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet u l-attivitajiet rispettivi tal-Kummissjoni, il-Kumitat ~~imsemmi fl-Artikolu 17~~, Franza u l-Istati Membri li jipparteċipaw fis-SIS 1+, grupp ta' esperti tekniċi, imsejjaħ il-Bord tal-Ġestjoni Globali tal-Programm (minn hawn 'il quddiem “il-Bord”), huwa b'dan stabbilit. Il-Bord għandu jkun korp konsultattiv ta' assistenza għall-proġett tas-SIS II ċentrali u għandu jiffaċilita l-konsistenza bejn il-proġetti

tas-SIS II ċentrali u tas-SIS II nazzjonali. Il-Bord ma għandu jkollu l-ebda setgħa deċiżjonali u lanqas mandat biex jirrappreżenta lill-Kummissjoni jew l-Istati Membri.

2. Il-Bord għandu jkun magħmul minn mhux aktar minn 10 membri, li jiltaqgħu fuq bażi regolari. L-Istati Membri ⇨ parteċipi fis-SIS 1+ ⇦ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill għandhom jaħtru mhux aktar minn 8 esperti u numru ugwali ta' membri supplenti. Mhux aktar minn żewġ esperti u żewġ membri supplenti għandhom jiġu nnominati mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali responsabbli tal-Kummissjoni minn fost l-uffiċjali tal-Kummissjoni.

Jistgħu jattendu għall-laqgħat tal-Bord, esperti oħrajn ta' Stati Membri ~~oħrajn~~ u l-uffiċjali tal-Kummissjoni involuti direttament fl-iżvilupp tal-proġetti SIS II, b'kostijiet~~bi spejjeż~~ għall-amministrazzjoni jew l-istituzzjoni rispettiva tagħhom.

Il-Bord jista' jistieden lil esperti oħrajn biex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Bord kif definit fit-termini ta' referenza msemmija fil-paragrafu 5, b'kostijiet~~bi spejjeż~~ għall-amministrazzjoni, l-istituzzjoni jew il-kumpannija rispettiva tagħhom.

3. L-esperti maħtura mill-Istati Membri li jaġixxu bħala l-Presidenza u l-Presidenza li jmiss għandhom dejjem ikunu mistiedna biex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Bord.

4. Is-segretarjat tal-Bord għandu jkun ipprovdut mill-Kummissjoni.

5. Il-Bord għandu jfassal it-termini ta' referenza tiegħu stess li għandhom jinkludu b'mod partikolari proċeduri dwar:

– funzjoni ta' president li talterna bejn il-Kummissjoni u l-Presidenza,

– postijiet tal-laqgħat,

– preparazzjoni tal-laqgħat,

– ammissjoni ta' esperti oħrajn,

– pjan ta' komunikazzjoni li jiżgura informazzjoni sħiħa lil Stati Membri li mhumiex qed jipparteċipaw.

It-termini ta' referenza għandhom jieħdu effett wara li tingħata opinjoni favorevoli mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali responsabbli tal-Kummissjoni u mill-Istati Membri ⇨ parteċipi fis-SIS 1+ ⇦ li jiltaqgħu fil-qafas tal-Kumitat ~~imsemmi fl-Artikolu 17~~.

6. Il-Bord għandu jippreżenta rapporti bil-miktub fuq bażi regolari dwar il-progress tal-proġett li jinkludu l-pariri li ngħataw, u l-ġustifikazzjoni tagħhom, lill-Kumitat ~~imsemmi fl-Artikolu 17~~ jew, kif meħtieġ, lill-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill.

7. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16(2), il-kostijiet~~l-ispejjeż~~ amministrattivi u l-kostijiet~~ispejjeż~~ tal-ivvjaġġar li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-Bord għandhom jinġarru mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, sa fejn dawn ma jkunux irrimburżati minn sorsi oħra. Fir-rigward tal-kostijiet~~ispejjeż~~ tal-ivvjaġġar tal-membri fil-Bord innominati mill-Istati Membri ⇨ parteċipi fis-SIS 1+ ⇦ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill u esperti mistiedna skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu li jirriżultaw b'konnessjoni mal-ħidma tal-Bord, ir-"Regoli dwar ir-rimborż tal-kostijiet~~ispejjeż~~ li jsiru minn persuni minn barra l-Kummissjoni mistiedna sabiex jattendu laqgħat f'kapaċità ta' esperti tal-Kummissjoni" għandhom japplikaw.

🡻 1104/2008

*Artikolu 19*

**Irrappurtar**

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta sal-aħħar ta' kull perijodu ta' sitt xhur, u għall-ewwel darba sal-aħħar tal-ewwel perijodu ta' sitt xhur tal-2009, rapport ta' progress lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-iżvilupp tas-SIS II u l-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II.

⇩ ġdid

*Artikolu 20*

**Tħassir**

Ir-Regolament (KE) Nru 1104/2008 u d-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament (KE) Nru 1104/2008 u d-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI imħassra għandhom jittieħdu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

🡻 1104/2008 (adattat)
➔1 541/2010 Art. 1.6 (adattat)

*Artikolu 21*

**Dħul fis-seħħ u applikabbiltà**

⌦ Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. ⌫ ➔1 Huwa għandu jiskadi f'data li trid tiġi stabbilita mill-Kunsill, li jaġixxi konformement mal-Artikolu 55(2) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikolu 71 (2) tad-Deċiżjoni 2007/533~~, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2013 jew fil-31 ta' Diċembru 2013 f'każ li ssir bidla għal xenarju tekniku alternattiv kif imsemmi fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament~~. ➔

⌦ Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea~~li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~. ⌫

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

↑

# ANNESS I

## L-atti mħassra flimkien mal-emendi suċċessivi tagħhom

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008

(ĠU L 299, 8.11.2008, p. 1)

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 541/2010

(ĠU L 155, 22.6.2010, p. 19)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI

(ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43)

Deċiżjoni tal-Kunsill 542/2010/ĠAI

(ĠU L 155, 22.6.2010, p. 23)

## ANNESS II

### It-tabella ta' korrelazzjoni

| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 | Council Decision 2008/839/JHA | This Regulation |
|---|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2 | Artikolu 2 | Artikolu 2 |
| Artikolu 3 | Artikolu 3 | Artikolu 3 |
| Artikolu 4 | Artikolu 4 | Artikolu 4 |
| Artikolu 5 | Artikolu 5 | Artikolu 5 |
| Artikolu 6 | Artikolu 6 | Artikolu 6 |
| Artikolu 7 | Artikolu 7 | Artikolu 7 |
| Artikolu 8 | Artikolu 8 | Artikolu 8 |
| Artikolu 9 | Artikolu 9 | Artikolu 9 |
| Artikolu 10 | Artikolu 10 | Artikolu 10 |
| Artikolu 11 | Artikolu 11 | Artikolu 11 |
| Artikolu 12 | Artikolu 12 | Artikolu 12 |
| Artikolu 13 | Artikolu 13 | Artikolu 13 |
| - | - | Artikolu 14 |
| Artikolu 14 | Artikolu 14 | Artikolu 15 |
| - | - | |
| Artikolu 15 | Artikolu 15 | Artikolu 16 |
| Artikolu 16 | Artikolu 16 | - |
| Artikolu 17 | Artikolu 17 | Artikolu 17 |
| Artikolu 17a | Artikolu 17a | Artikolu 18 |
| Artikolu 18 | Artikolu 18 | Artikolu 19 |
| - | - | Artikolu 20 |
| Artikolu 19 | Artikolu 19 | Artikolu 21 |
| - | - | Anness I |
| - | - | Anness II |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA ... 37
1.1. It-titolu tal-proposta/inizjattiva ... 37
1.2. Il-qasam(l-oqsma) ta’ politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ĠAA/BAA ... 37
1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva ... 37
1.4. L-għanijiet ... 37
1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku(ċi) multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva ... 37
1.4.2. L-għan(ijiet) speċifiku(ċi) u l-attività(ajiet) tal-ĠAA/BAA ikkonċernata(i) ... 37
1.4.3. Ir-riżultat(i) mistenni(ja) u l-impatt ... 38
1.4.4. L-indikaturi tar-riżultati u l-impatt ... 38
1.5. Il-bażi għall-proposta/inizjattiva ... 38
1.5.1. Ir-rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi(u) ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta’ żmien 38
1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE ... 39
1.5.3. Il-lezzjonijiet meħuda minn esperjenzi simili fil-passat ... 39
1.5.4. Il-koerenza u s-sinerġija possibbli ma’ strumenti rilevanti oħrajn ... 39
1.6. It-tul taż-żmien u l-impatt finanzjarju ... 39
1.7. Il-metodu(i) ta’ ġestjoni previst(i) ... 40
2. IL-MIŻURI TA’ ĠESTJONI ... 41
2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u l-irrappurtar ... 41
2.2. Is-sistema ta’ ġestjoni u ta’ kontroll ... 41
2.2.1. Ir-riskju(i) identifikat(i) ... 41
2.2.2. Il-metodu(i) ta’ kontroll previst(i) ... 41
2.3. Il-miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u ta’ irregolaritajiet ... 41
3. L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA ... 43
3.1. L-intestatura(i) tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja(i) tal-baġit tan-nefqa affettwata(i) ... 43
3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa ... 44
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa ... 44
3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi ... 46

3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva .......................... 48
3.2.3.1. Sommarju .......................................................................................................... 48
3.2.3.2. Ir-rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani .............................................................. 49
3.2.4. Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.................................... 51
3.2.5. Il-kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi ..................................................................... 51
3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul ........................................................................................... 52

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

## 1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. It-titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (riformulazzjoni)

### 1.2. Il-qasam(l-oqsma) ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ĠAA/BAA[51]

Titolu 18: L-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (Titolu: 18)

Solidarjetà – Fruntieri esterni, ritorn, politika tal-viża u l-moviment ħieles tan-nies (Kapitolu 18.02)

### 1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[52]

☒ Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. L-għanijiet

#### *1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku(ċi) multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

L-istrateġija tal-ġestjoni tal-informazzjoni tal-UE inkluża fil-Programm ta' Stokkolma[53] hi waħda mill-prjoritajiet stabbiliti mill-Kunsill Ewropew fl-2010 fil-Qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja. Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen hi fil-qalba tal-miżuri kompensatorji li jiżguraw livell għoli ta' sigurtà wara t-tneħħija tal-fruntieri interni.

#### *1.4.2. L-għan(ijiet) speċifiku(ċi) u l-attività(ajiet) tal-ĠAA/BAA ikkonċernata(i)*

L-għan speċifiku Nru 1: Biex jippermettu lill-persuni jaqsmu l-fruntieri interni mingħajr kontrolli fil-fruntieri, jippromwovu fruntieri sikuri u jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari billi jiżviluppaw aktar is-sistema integrata tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni u standards għoljin tal-

[51] ĠAA: Ġestjoni Abbażi tal-Attivitajiet – BAA: Ibbaġitjar Abbażi tal-Attivitajiet.
[52] Kif inhu msemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.
[53] "Il-Programm ta' Stokkolma - Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini", ĠU C 115, tal-4.5.2010.

iċċekjar tal-fruntieri inkluż permezz tal-iżvilupp tas-SIS II u tal-appoġġ finanzjarju mill-Fond għall-Fruntieri Esterni.

L-attività(ajiet) tal-ĠAA/BAA ikkonċernata(i)

Il-Kapitolu 18.02: Solidarjetà – Fruntieri esterni, ritorn, politika tal-viża u l-moviment ħieles tan-nies

*1.4.3. Ir-riżultat(i) mistenni(ja) u l-impatt*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

L-istrumenti ta' migrazzjoni[54] jimmiraw li jiffaċilitaw il-migrazzjoni b'suċċess mis-SIS 1+ għas-SIS II billi jispeċifikaw l-arkitettura tal-migrazzjoni, il-prerekwiżiti tekniċi, il-fażijiet tal-migrazzjoni nfusha u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri parteċipi fis-SIS 1+.

L-għan ewlieni tal-proposta hu li jsir allinjament tal-qafas legali li jirregola l-migrazzjoni max-xenarju tekniku sostnut mill-esperti tal-Istati Membri[55] u li jiġu inklużi xi elementi oħra dwar il-flessibbiltà fil-qafas (ara t-taqsima 1.5.3 hawn taħt).

Barra minn hekk, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-proposta tgħaqqad ukoll il-qafas legali dwar il-migrazzjoni f'att legali wieħed li qabel kien maqsum f'żewġ strumenti leġiżlattivi skont l-istruttura tal-pilastri tat-Trattati ta' qabel.

*1.4.4. L-indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

L-għan ewlieni tal-proposta se jintlaħaq permezz tal-illowdjar b'suċċess tad-dejta tas-SIS 1+ għas-sistema ċentrali tas-SIS II (u s-sistemi nazzjonali), bill-bidla b'suċċess tal-applikazzjonijiet nazzjonali u fl-aħħar bid-disponibbiltà sħiħa għall-Istati Membri kollha tal-funzjonalitajiet tal-SIS II.

## 1.5. Il-bażi għall-proposta/inizjattiva

*1.5.1. Ir-rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi(u) ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien*

Huwa meħtieġ għall-Istati Membri kif ukoll għall-Kummissjoni li jdaħħlu fis-seħħ l-elementi tekniċi kollha u sabiex iwettqu b'suċċess it-testijiet meħtieġa għat-test komprensiv matul il-fażi preparatorja tal-migrazzjoni.

---

54 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 299, 8.11.2008, p. 1); u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43).

55 Dan ix-xenarju tekniku (magħruf bħala l-"Pjan ta' Migrazzjoni") kien approvat b'mod unanimu mill-Istati Membri fil-qafas tal-Kumitat SISVIS tat-23 ta' Frar 2011.

*1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE*

In-natura propja tas-SIS II hi li tkun kondiviża l-informazzjoni rigward ċerti kategoriji ta' persuni u oġġetti bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-gwardji tal-fruntiera, id-dwana, l-awtoritajiet tal-visa u l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Pajjiżi ta' Schengen. Il-Kummissjoni hi responsabbli għall-iżvilupp tas-SIS II Ċentrali, l-infrastruttura tal-komunikazzjoni u l-konvertitur. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tikkoordina l-attivitajiet relatati mal-iżvilupp tas-SIS II u tipprovdi lill-Istati Membri l-appoġġ meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħhom, biex b'hekk tiżgura l-konsistenza bejn il-proġetti ċentrali u dawk nazzjonali.

*1.5.3. Il-lezzjonijiet meħuda minn esperjenzi simili fil-passat*

Il-qafas legali għandu jippermetti flessibbiltà biżżejjed sabiex jiġu evitati kostijiet mhux meħtieġa marbuta mal-proċess ta' migrazzjoni. B'mod partikolari, l-Istati Membri li diġà qalbu għas-SIS II għandhom jitħallew jużawha bil-funzjonalitajiet tagħha kollha mingħajr ma jkollhom għalfejn jistennew il-bidla b'suċċess tal-Istati Membri l-oħra kollha.

Huwa meħtieġ ukoll li tiġi prevista l-għażla għal kofinanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għal ċerti attivitajiet nazzjonali relatati mal-migrazzjoni (u b'mod partikolari f'konnessjoni mal-parteċipazzjoni tal-Istati Membri f'attivitajiet ta' ittestjar relatati mal-migrazzjoni) sabiex ikun iffaċilitat proċess ta' migrazzjoni mingħajr xkiel u f'ordni.

*1.5.4. Il-koerenza u s-sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn*

Il-proposta tibni fuq *ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006*[56] *u d-Deċiżjoni Nru 2007/533/ĠAI*[57] *dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni* (SIS II). Id-data tal-iskadenza ta' dan ir-regolament propost għandha tkun iddeterminata permezz ta' dawn iż-żewġ atti li għadhom kif issemmew. Barra minn hekk, din il-proposta hi konsistenti ma' atti legali oħra dwar l-ittestjar, in-netwerk u s-sigurtà tas-SIS II.

## 1.6. It-tul taż-żmien u l-impatt finanzjarju

☒ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

– ☒ Il-proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2012[58] sat-tlestija tal-migrazzjoni prevista għal mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2013.

– ☒L-impatt finanzjarju fl-2012 sal-2013

☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien mingħajr limitu**

– Implimentazzjoni b'perjodu għall-bidu mill-YYYY sal-YYYY,

---

56 Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4)

57 Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63)

58 Id-data mmirata għall-bidu tat-tħaddim tar-Regolament tal-Kunsill emendat suġġett ta' din il-proposta.

– segwita minn operazzjoni sħiħa.

Kumment

| |
|---|
| Id-data tal-iskadenza għall-migrazzjoni mhix stabbilita fir-regolament propost iżda għandha tkun iddeterminata mill-Kunsill skont l-Artikolu 55 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u l-Artikolu 71 (2) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI. |

## 1.7. Il-metodu(i) ta' ġestjoni previst(i)[59]

☒ **Ġestjoni ċentralizzata diretta** mill-Kummissjoni

☐ **Ġestjoni ċentralizzata indiretta** bid-delegazzjoni tal-kompiti tal-implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☐ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet[60]

– ☐ korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni tas-servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (li jridu jiġu speċifikati)

*Jekk tindika aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

---

59 Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u tar-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fil-websajt tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

60 Kif inhu msemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

## 2. IL-MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u l-irrappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Il-Kummissjoni tissorvelja u timmonitorja b'mod rigoruż ix-xogħol tal-kuntrattur fuq bażi kontinwa, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-kuntrattur tal-assigurazzjoni tal-kwalità tagħha u l-Bord tal-Ġestjoni Globali tal-Proġett.

Konformi mad-dispożizzjonijiet kuntrattwali, il-Kummissjoni tevalwa l-progress tal-proġett tas-SIS II regolarment u l-prestazzjoni se titkejjel u tiġi mqabbla mal-istandards rikjesti u l-kriterji stabbiliti minn qabel, bl-għajnuna ta' kuntrattur tal-assigurazzjoni tal-kwalità.

Rapporti tal-progress li jiddeskrivu x-xogħol imwettaq fir-rigward tal-iżvilupp tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) u t-tħejjijiet għall-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II jiġu ppreżentati lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew fuq bażi ta' kull sitt xhur skont l-Artikolu 18 tal-istrumenti tal-migrazzjoni. Dawn ir-rapporti jinkludu sistematikament taqsima dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit (impenji u ħlasijiet) relatati għall-proġett tas-SIS II ċentrali.

### 2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### *2.2.1. Ir-riskju(i) identifikat(i)*

1. Fuq livell ċentrali: riskju ta' dewmien fl-iskeda globali minħabba avvenimenti mhux skedati jew sottoprestazzjoni mill-kuntrattur ewlieni tal-iżvilupp.

2. Fuq livell nazzjonali: riskju ta' dewmien li jolqot l-iskeda globali minħabba nuqqas ta' tħejjija ta' Stat Membru wieħed jew aktar tal-iżviluppi nazzjonali (nuqqas ta' tħejjija ta' ċerti Stati Membri għall-parteċipazzjoni fil-fażi tal-ittestjar prevista fl-iskeda globali jew minħabba dewmien fl-akkwist, diffikultajiet tekniċi jew nuqqas ta' riżorsi finanzjarji biex ikomplu l-iżviluppi nazzjonali u biex ilestu l-migrazzjoni)

Id-dewmien fit-tħejjija ta' mill-anqas Stat Membru wieħed jista' jpoġġi f'riskju l-bidu tat-tħaddim tas-SIS II peress li l-prerekwiżiti legali biex is-sistema tingħata l-ħajja ma jkunux issodisfati (jiġifieri *l-ħtieġa li l-Istati Membri kollha jinnotifikaw it-tħejjija tagħhom u t-tlestija b'suċċess ta' test komprensiv mal-Istati Membri kollha*).

#### *2.2.2. Il-metodu(i) ta' kontroll previst(i)*

Il-Kummissjoni timmonitorja b'mod rigoruż ir-riskji tal-proġett f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Bord tal-Ġestjoni Globali tal-Proġett, l-Istati Membri u l-kuntrattur tal-assigurazzjoni tal-kwalità tagħha.

L-użu tal-kofinanzjament possibbli se jkun soġġett tal-kontroll eżerċitat mill-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri.

### 2.3. Il-miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.*

Il-Kummissjoni se tivvaluta, tiddeċiedi u tamministra l-għażla ta' kofinanzjament (permezz ta' għotjiet) mill-baġit ġenerali tal-Unjoni f'konformità mal-proċeduri preskritti fir-Regolament Finanzjarju. Il-Kummissjoni tista' tnaqqas, iżżomm jew ittemm il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha. Il-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri għandhom ikunu intitolati biex iwettqu l-verifiki u l-ispezzjonijiet kollha neċessarji biex jiżguraw il-ġestjoni korretta fl-interess finanzjarju tal-Unjoni kontra kwalunkwe frodi jew irregolarità.

# 3. L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

## 3.1. L-intestatura(i) tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja(i) tal-baġit tan-nefqa affettwata(i)

- Il-linji tal-baġit tan-nefqa eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi u tal-linji tal-baġit tal-qafas finanzjarju multiannwali.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali | Linja tal-baġit | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru<br>Sistema tal-Informazzjoni ta' Schengen II | AD (61) | mill-pajjiżi tal-EFTA[62] | mill-pajjiżi kandidati[63] | minn pajjiżi terzi | fit-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| 3A | 18 02 04 | AD | LE | LE | IVA | LE |

- Linji tal-baġit ġodda rikjesti: Xejn

61 AD= Approprjazzjonijiet differenzjati / AMD= Approprjazzjonijiet Mhux Differenzjati

62 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

63 Il-pajjiżi kandidati u, fejn huwa applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

F'EUR miljuni (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:** | 3 A | Libertà, sigurtà u ġustizja |
|---|---|---|

| DG: HOME | | | Sena **2012 (pro rata mill-1 ta' Lulju)** | Sena **2013 (pro rata sat-30 ta' Ġunju)** | **Sena N+3** | **… daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-terminu tal-impatt (ara l-punt 1.6)** | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operattivi | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja tal-baġit 18.02.04 | Impenji | (1) | 28.120 | 7.120 | | | | | **35.240** |
| | Ħlasijiet | (2) | 18.184 | 17.056 | | | | | **35.240** |
| Numru tal-linja tal-baġit | Impenji | (1a) | | | | | | | |
| | Ħlasijiet | (2a) | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[64] | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja tal-baġit | | (3) | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ HOME** | Impenji | =1+1a +3 | 28.120 [65] | 7.120 | | | | | **35.240** |
| | Ħlasijiet | =2+2a +3 | 18.184 | 17.056 | | | | | **35.240** |

[64] L-assistenza u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi u/jew tal-azzjonijiet tal-UE (linji "BA" preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

[65] Peress li għad hemm ammonti mhux minfuqa, se jintużaw dawn. Għalhekk mhux se jkun hemm bżonn modifika tal-baġit.

| | | |
|---|---|---|
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:** | **5** | “ Nefqa amministrattiva ” |

F’EUR miljuni (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| | | Sena **2012** **(pro rata mill-1 ta’ Lulju)** | Sena **2013** **(pro rata sat-30 ta’ Ġunju)** | **Sena N+3** | **… daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-terminu tal-impatt (ara l-punt 1.6)** | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DG: HOME | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | 2.675 | 2.439 | | | | | **5.114** |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | 0.152 | 0.152 | | | | | **0.304** |
| **TOTAL DĠ HOME** | Approprjazzjonijiet | 2.827 | 2.590 | | | | | **5.418** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | (Total tal-impenji = Total tal-ħlasijiet) | 2.827 | 2.590 | | | | | **5.418** |

F’EUR miljuni (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| | | Sena **2012** | Sena **2013** | **Sena N+3** | **… daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-terminu tal-impatt (ara l-punt 1.6)** | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | 30.947 | 9.710 | | | | | **40.658** |
| | Ħlasijiet | 21.011 | 19.646 | | | | | **40.658** |

*3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu tal-approprjazzjonijiet operattivi

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu tal-approprjazzjonijiet operattivi, kif ġie spjegat iktar 'l isfel:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'EUR miljuni (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| **Indika l-għanijiet u l-eżitu** ⇩ | | | Sena **2012** **(pro rata mill-1 ta' Lulju)** | | Sena **2013** **(pro rata sat-30 ta' Ġunju)** | | TOTAL | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Tip ta' eżitu[66] | Kost medju tal-eżitu | Numru totali ta' eżitu | Kost | Numru totali ta' eżitu | Kost | Numru totali ta' eżitu | Kost totali |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[67] **Preparamenti tal-operazzjonijiet tas-SIS II** | | | | | | | | |
| - Eżitu 1 | Bidliet tas-SIS II | | | 0 | | 0 | | 0 |
| - Eżitu 2 | Assigurazzjoni tal-Kwalità | | | 1.250 | | 1.250 | | 2.500 |
| - Eżitu 3 | sTESTA (infrastruttura tal-komunikazzjoni) | | | 7.500 | | 0 | | 7.500 |
| - Eżitu 4 | Awditjar tas-sigurtà | | | 0.500 | | 0 | | 0.500 |
| - Eżitu 5 | Sigurtà tal-għażla | | | 0.500 | | 0 | | 0.500 |
| - Eżitu 6 | Għażla ta' kofinanzjament tal-Istat Membru[68] | | | 15.750 | | 5.250 | | 21.000 |

[66] L-eżitu huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu forniti (eż.: in-numru ta' skambji tal-istudenti ffinanzjati, in-numru ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

[67] Kif ġie deskritt fit-Taqsima 1.4.2. "L-għan(ijiet) speċifiku(ċi)..."

[68] Il-kostijiet marbuta mal-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fl-attivitajiet għat-tħejjija tal-migrazzjoni, b'mod partikolari l-koordinazzjoni tat-testijiet. Skont stimi, l-kostijiet addizzjonali assoċjati mat-tħejjija għall-migrazzjoni għandhom bejn wieħed u ieħor ikunu l-istess għal kull Stat Membru irrispettivament mid-daqs: maniġer 1 tal-proġett b'EUR 1 500 kuljum, 4 speċjalisti b'EUR 1 200 kuljum (amministratur tal-bażi tad-dejta, speċjalist tas-sistemi u speċjalisti/żviluppaturi tal-applikazzjoni) u 2,5 operaturi

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| - Eżitu 7 | Ġestjoni Globali tal-Proġett | | | 0.120 | | 0.120 | | 0.240 |
| - Eżitu 8 | Studji | | | 2.000 | | 0 | | 2.000 |
| - Eżitu 9 | Kampanja ta' Informazzjoni | | | 0.500 | | 0.500 | | 1.000 |
| Sottototal għall-għan speċifiku Nru 1 | | | | 28.120 | | 7.120 | | 35.240 |
| **KOST TOTALI** | | | | **28.120** | | **7.120** | | **35.240** |

b'EUR 700 kuljum, li jammontaw għal total ta' EUR 8 050 kuljum għal perjodu ta' 120 jum = EUR 966 000 għal kull Stat Membru parteċipi fis-SIS 1+. Huwa stmat li 75 % tal-approprjazzjonijiet korrispondenti se jkunu impenjati fl-2012 u l-kumplament fl-2013.

### 3.2.3. *L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif ġie spjegat iktar 'l isfel:

F'EUR miljuni (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| | Sena **2012** **(pro rata mill-1 ta' Lulju)** | Sena **2013** **(pro rata sat-30 ta' Ġunju)** | | **Sena N+3** | **… daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-terminu tal-impatt (ara l-punt 1.6)** | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 2.675 | 2.439 | | | | | | 5.114 |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0.152 | 0.152 | | | | | | 0.304 |
| **Sottototal INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | 2.827 | 2.590 | | | | | | 5.418 |
| **Barra l-INTESTATURA 5[69] tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrativa | | | | | | | | |
| **Sottototal barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | | | | |
| **TOTAL** | **2.827** | **2.590** | | | | | | **5.418** |

69 L-assistenza u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programmi u/jew tal-azzjonijiet tal-UE (linji "BA" preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Ir-rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ riżorsi umani

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif ġie spjegat iktar ’l isfel:

*L-istima għandha tiġi espressa f’ammonti sħaħ (jew sa mhux iktar minn ċifra waħda wara l-punt deċimali)*

| | | **Sena 2012** | **Sena 2013** | | | … daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-terminu tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Il-karigi fil-pjan ta’ stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | | | |
| XX 01 01 01 (Il-Kwartieri ġenerali u l-Uffiċċji ta’ Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 33 | 32 | | | | | |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| **• Il-persunal estern (f’unità Ekwivalenti għal Full Time: FTE)**[70] | | | | | | | | |
| XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-“pakkett globali”) | | 17 | 12 | | | | | |
| XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| **XX** 01 04 *yy*[71] | - fil-Kwartieri Ġenerali[72] | | | | | | | |
| | - fid-delegazzjonijiet | | | | | | | |
| **XX** 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| Linji tal-baġit oħrajn (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | **50** | **44** | | | | | |

**XX** hija l-qasam tal-politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani mitluba għandhom jiġu ssodisfati mill-persunal mid-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew riallokati fi ħdan id-DĠ, flimkien, jekk dan ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ ta’ ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’allokazzjoni u fid-dawl tal-limiti tal-baġit. Dan hu mingħajr ħsara għall-istabbiliment ta’ Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja[73] u l-esternalizzazzjoni tal-kompiti

[70] CA= Aġent b’kuntratt; INT= persunal tal-aġenzija (“Intérimaire”); JED= “Jeune Expert en Délégation” (Esperti Żgħażagħ f’Delegazzjonijiet); LA= Aġent Lokali; SNE= Espert Nazzjonali Ssekondat;

[71] Taħt il-limitu massimu għall-persunal estern minn approprjazzjonijiet operattivi (linji “BA” preċedenti).

[72] Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u għall-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

[73] Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1).

għal din l-Aġenzija, li tkun ħelset 50 FTE (27 post u 23 FTE ta' persunal estern) li jaħdmu fuq is-SIS II, il-VIS u l-EURODAC sal-aħħar tal-2013.

***2012***

***Kalkolu: L-uffiċjali u l-aġenti temporanji***

AD/AST – 127.000 EUR kull sena * 33 persuna = **4.191 mEUR**
*Mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru: 2.096 mEUR*

***Kalkolu: Il-persunal estern***

Il-persunal b'kuntratt: 64.000 EUR kull sena * 9 persuni = 0.576 mEUR
L-esperti nazzjonali: 73.000 EUR kull sena * 8 persuni = 0.584 mEUR
Total tal-persunal estern: **1.160 mEUR**
*Mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru: 0.580 mEUR*

***2013***

***Kalkolu: L-uffiċjali u l-aġenti temporanji***

AD/AST – 127.000 EUR kull sena * 32 persuna = **4.064 mEUR**

*Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju:2.032 mEUR*

***Kalkolu: Il-persunal estern***

Il-persunal b'kuntratt: 64.000 EUR kull sena * 7 persuni = 0.448 mEUR
L-esperti nazzjonali: 73.000 EUR kull sena * 5 persuni = 0.365 mEUR
Total tal-persunal estern: **0.813 mEUR**
*Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju:0.407 mEUR*

Deskrizzjoni tal-kompiti li għandhom jitwettqu:

| | |
|---|---|
| L-uffiċjali u l-aġenti temporanji | Jipprogrammaw il-koordinazzjoni, il-ġestjoni tal-proġett, l-evalwazzjoni u l-irrappurtar, l-akkwist pubbliku, il-ġestjoni tal-kuntratti |
| Il-persunal estern | Ġestjoni teknika, appoġġ tal-IT u amministrattiv |

### 3.2.4. *Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha tinvolvi r-riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.

| Spjega x'riprogrammazzjoni tkun mitluba, billi tispeċifika l-linji tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |
|---|

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibilità jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali[74].

| Spjega x'inhu mitlub, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |
|---|

### 3.2.5. *Il-kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

– Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament minn pajjiżi terzi

– Il-proposta/l-inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Appropriations f'EUR miljuni (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| | Sena **2012** | Sena **2013** | | | … daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-terminu tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Speċifika l-korp ta' kofinanzjament* | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

[74] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

### 3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva m'għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi tagħha

☐ fuq dħul imħallat

<u>Dettalji dwar il-kofinanzjament</u>

Jekk il-proposta tinvolvi kofinanzjament mill-Istati Membri, jew minn korpi oħra (jekk jogħġbok speċifika liema), stima tal-livell ta' dan il-kofinanzjament għandha tkun indikata fit-tabella hawn taħt (jistgħu jiżdiedu linji oħra jekk huma previsti korpi differenti għall-ksib tal-kofinanzjament): M/A

- Kontribuzzjoni min-Norveġja (2.406882 %) u mill-Islanda: (0.073102 %) [ċifri tal-2010] għall-kostijiet operattivi, bbażati fuq l-Artikolu 12 (1) paragrafu 2 tal-*Ftehim milħuq bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen*[75]

- Kontribuzzjoni mill-Isvizzera (3.043387 %) u mil-Liechtenstein: (0.026579 %) [ċifri tal-2010] għall-kostijiet operattivi, bbażati fuq l-Artikolu 11 (3) paragrafu 2 tal-*Ftehim milħuq bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen*[76]

F'EUR miljuni (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| Linja tal-baġit tad-dħul | Approprjazzjonijiet disponibbli għall-eżerċizzju tal-baġit attwali | L-impatt tal-proposta/inizjattiva[77] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **2012** | Sena **2013** | | | … daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-terminu tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Kontribuzzjoni tan-NO | | 0.438 | 0.411 | | | | | |
| Kontribuzzjoni tal-IS | | 0.013 | 0.012 | | | | | |
| Kontribuzzjoni tal-CH | | 0.553 | 0.519 | | | | | |
| Kontribuzzjoni tal-LIE | | 0.005 | 0.004 | | | | | |
| **TOTAL tal-Artikolu xxxx** | | **1.009** | **0.947** | | | | | |

Għal dħul assenjat mixxellanju, speċifika l-linja(i) tal-baġit tan-nefqa affettwata(i).

[75] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

[76] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52 u ĠU L 160, 18.6.2011, p. 84.

[77] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, taxxi fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 25 % għall-kostijiet tal-ġbir.

Speċifika l-metodu tal-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

| |
|---|
| Ara hawn fuq |